KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 16.5.2006
SEG(2006) 595

DOKUMENT TA' ĦIDMA GĦALL-ISTAFF TAL-KUMMISSJONI

IL-BULGARIJA

Rapport ta' Monitoraġġ, Mejju 2006

{KUMM(2006) 214 finali}

DOKUMENT TA' ĦIDMA GĦALL-ISTAFF TAL-KUMMISSJONI

IL-BULGARIJA

Rapport ta' Monitoraġġ, Mejju 2006

WERREJ

1.	DAĦLA	4
2.	KRITERJI POLITIĊI	5
2.1.	Valutazzjoni ġenerali	12
3.	KRITERJI EKONOMIĊI	13
3.1.	Valutazzjoni ġenerali	17
4.	IMPENJI U ĦTIĠIJIET LI JQUMU MIN-NEGOZJATI TA' L-ADEŻJONI	17
4.1.	Kapitoli ta' l-*acquis*	18
4.1.1.	Kapitolu 1: Iċ-ċaqliq ħieles ta' l-oġġetti	18
4.1.2.	Kapitolu 2: Iċ-ċaqliq ħieles tal-persuni	18
4.1.3.	Kapitolu 3: Libertà tal-provvista tas-servizzi	19
4.1.4.	Kapitolu 4: Iċ-ċaqliq ħieles tal-kapital	21
4.1.5.	Kapitolu 5: Il-liġi tal-kumpaniji	21
4.1.6.	Kapitolu 7: Agrikoltura	22
4.1.7.	Kapitolu 8: Sajd	25
4.1.8.	Kapitolu 9: Il-politika dwar it-trasport	26
4.1.9.	Kapitolu 10: Tassazzjoni	27
4.1.10.	Kapitolu 13: Il-politika soċjali u x-xogħol	28
4.1.11.	Kapitolu 14: Enerġija	30
4.1.12.	Kapitolu 15: Politika industrijali	31
4.1.13.	Kapitolu 19: It-telekommunikazzjonijiet u t-teknoloġiji ta' l-informatika	31
4.1.14.	Kapitolu 21: Politika reġjonali u ko-ordinament ta' l-istrumenti strutturali	32
4.1.15.	Kapitolu 22: Ambjent	33
4.1.16.	Kapitolu 23: Protezzjoni tal-konsumatur u s-saħħa	35
4.1.17.	Kapitolu 24: Ko-operazzjoni fil-qasam tal-ġustizzja u l-affarijiet interni	35
4.1.18.	Kapitolu 25: Unjoni Doganali	39
4.1.19.	Kapitolu 28: Il-kontroll finanzjarju	40
4.2.	Traduzzjoni ta' l-*acquis* għall-Bulgaru	41
4.3.	Valutazzjoni ġenerali	41

1. DAĦLA

In-negozjati ta' l-adeżjoni mal-Bulgarija kienu konklużi b'suċċess f'Diċembru ta' l-2004. It-Trattat ta' l-Adeżjoni kien iffirmat f'April ta' l-2005. Il-Bulgarija u 14-il Stat Membru diġà rratifikawh. It-Trattat jaħseb għal adeżjoni fl-1 ta' Jannar 2007 sakemm il-Kunsill ma jiddeċidix, fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni, li jippospponiha sa l-1 ta' Jannar 2008.

Wara l-konklużjoni tan-negozjati, l-Unjoni Ewropea ddeċidiet li tkompli ssegwi mill-qrib il-preparazzjonijiet u l-kisbiet tal-Bulgarija u li, għal dan l-iskop, il-Kummissjoni se tkompli tissottometti rapporti annwali dwar il-progress tal-Bulgarija lejn l-adeżjoni, flimkien mar-rakkomandazzjonijiet, jekk hu xieraq.

Il-Kummissjoni ppreżentat l-ewwel rapport bħal dan f'Ottubru ta' l-2005. Dan ir-rapport juri li l-Bulgarija kienet 'il quddiem sew fil-preparazzjoni għall-adeżjoni. Identifika wkoll numru ta' oqsma fejn hemm bżonn aktar sforzi biex jitlestew il-preparazzjonijiet. Il-Kummissjoni ddeċidiet li żżid l-attivitajiet ta' monitoraġġ u terġa' tirraporta fir-Rebbiegħa 2006.

Dan ir-rapport jagħti ħarsa ġenerali lejn il-preparazzjonijiet għas-sħubija tal-Bulgarija fil-waqt li jiffoka fuq l-oqsma li għandhom bżonn aktar titjib fid-dawl tat-tliet kriterji ta' adeżjoni ta' Kopenħagen. Ġustament ir-rapport fih tliet partijiet ewlenin:

- L-*ewwel parti* teżamina l-kwistjonijiet politiċi li kienu identifikati bħala li għandhom bżonn aktar titjib.

- It-*tieni parti* teżamina l-kwistjonijiet ekonomiċi li kienu identifikati bħala li għandhom bżonn aktar titjib.

- It-*tielet parti* teżamina fejn qiegħda l-Bulgarija fl-implimentazzjoni ta' l-impenji u l-ħtiġijiet li joħorġu min-negozjati ta' l-adeżjoni.

Ir-rapport jidentifika l-progress li sar minn Ottubru ta' l-2005 u n-nuqqasijiet li baqa' fil-politika, fil-leġiżlazzjoni u fl-implimentazzjoni li għad għandhom bżonn ikunu indirizzati. Fuq din il-bażi l-Kummissjoni teżamina, f'Komunikazzjoni separata ppreżentata flimkien ma' dan ir-rapport, għandhiex bżonn jew le li tirrakkomanda posponiment tad-data ta' l-adeżjoni.

Dan ir-rapport jirrifletti s-sitwazzjoni fi tmiem April ta' l-2006. Hu bbażat fuq firxa wiesa' ta' sorsi. Il-Bulgarija kienet mistiedna biex tipprovdi l-informazzjoni fuq l-istat ta' preparazzjoni tagħha. Ir-rapport jibbaża ruħu fuq informazzjoni provduta fil-qafas tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u fuq analiżi ta' esperti[1] li saret biex teżamina l-kapaċità amministrattiva fl-oqsma speċifiċi. Id-deliberazzjonijiet tal-Kunsill u r-rapporti[2] u r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament kienu kkunsidrati. Meta relevanti, il-Kummmissjoni bbażat ukoll fuq valutazzjonijiet li saru minn organizzazzjonijiet internazzjonali varji, istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, u organizzazzjonijiet mhux governattivi.

2. KRITERJI POLITIĊI

[1] Analiżi ta' livell għoli huma eżamijiet minn esperti ta' l-Istati Membri fuq l-istat ta' preparazzjoni tal-pajjiżi kandidati f'setturi speċifiċi. Dawn l-esperti huma responsabbli għall-kontenut tar-rapporti tagħhom.

[2] Ir-rapporteur hu s-Sur van Orden.

Daħla

Il-Kummissjoni tqis li l-Bulgarija tissodisfa l-kriterji politiċi għall-adeżjoni fl-UE u għamlet dan kontinwament sa mill-1997.

L-għan ta' dan ir-rapport hu li jipprovdi eżami ta' ċerti oqsma li kienu kkunsidrati li għandhom bżonn aktar titjib fir-rapport ta' monitoraġġ ta' Ottubru ta' l-2005. Tmienja minn dawn l-oqsma kienu identifikati: ir-riforma fl-amministrazzjoni pubblika; is-sistema tal-ġustizzja; il-ġlieda kontra l-korruzzjoni; il-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin; il-maltrattament waqt arrest u l-kondizzjonijiet fil-ħabs; il-protezzjoni tat-tfal; il-persuni b'diżabilità u s-sistema tal-kura tas-saħħa mentali, u l-protezzjoni u l-integrazzjoni tal-minoranzi.

Din it-taqsima teżamina, f'kull wieħed minn dawn l-oqsma pendenti, l-iżviluppi li seħħu mir-rapport ta' Ottubru ta' l-2005 'l hawn u l-preparazzjoni tal-Bulgarija għall-adeżjoni.

L-amministrazzjoni pubblika

Sa mir-rapport ta' Ottubru ta' l-2005, kien hemm progress f'dawn l-oqsma li ġejjin:

Id-Dritt Amministrattiv kien emendat f'Marzu ta' l-2006. Jintroduċi distinzjoni ċara bejn il-livelli politiċi u amministrattivi fl-amministrazzjoni ta' l-istat. L-għan ta' din il-liġi hu li jkunu kkjarifikati l-partijiet u r-reponsabbilitajiet. Il-liġi tirregola wkoll l-involviment ta' l-uffiċjali pubbliċi fil-ġestjoni tal-kumpaniji privati u ssaħħaħ is-sehem ta' l-ispettorati. Kienu approvati emendi fil-Liġi dwar iċ-Ċivil f'Marzu ta' l-2006. Dan l-Att jipprovdi proċedura ta' impjieg kompetittiv, jintroduċi l-prinċipju ta' mobilità fl-amministrazzjoni ta' l-istat u jippromwovi taħri ġ għall-impjegati taċ-ċivil. Il-Kodiċi ta' Proċedura Amministrattiva kien adottat f'Marzu ta' l-2006. Wara dan il-kodiċi, sa Diċembru ta' l-2006 se jkunu stabbiliti l-Qrati amministrattivi u jin ħatru l-imħallfin.

Strateġija aġġornata għat-taħriġ ta' l-impjegati taċ-ċivil u pjan ta' azzjoni relevanti kienu adottati f'Marzu 2006. L-istrateġija tiffoka fuq it-tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva Bulgara fl-implimentazzjoni ta' l-*acquis*, li tinvolvi l-imsieħba kollha fil-proċess tar-riforma amministrattiva u t-tisdiq tal-kapaċità u l-kwalifika professjonali .

Madankollu, baqa' ċerti kwistjonijiet pendenti li jridu jkunu indirizzati.

Ma kinetx adottata l-istrateġija ta' deċentralizzazzjoni li għandha l-għan li tiddeċentralizza aktar il-poteri u r-riżorsi umani mil-livell ċentrali għal-livell reġjonali u muniċipali.

B'mod ġenerali, il-Bulgarija għamlet progress tajjeb fil-qasam ta' l-ammistrazzjoni pubblika u hi fi triqtha li jkollha amministrazzjoni ta' l-istat effiċjenti sakemm tibqa' mixja f'din it-triq tar-riforma.

Sistema ġudizzjarja

Sa mir-rapport ta' Ottubru ta' l-2005, kien hemm progress f'dawn l-oqsma li ġejjin:

F'Diċembru 2005, il-Ministru tal-Ġustizzja żviluppa pjan ta' azzjoni għall-implimentazzjoni ta' l-istrateġija tar-riforma għall-perjodu 2006-2007. F'Marzu ta' l-2006, il-gvern approva rapport dwar l-implimentazzjoni ta' l-istrateġija għar-riforma tal-ġudikatura. Fir-rigward tal-faża ta' qabel il-ġuri, f'Jannar ta' l-2006 kien stabbilit mekkaniżmu biex isegwi l-adegwanza tal-kodiċi

ta’ proċedura penali li daħal fis-seħħ f’April ta’ l-2006. Qed ikun implimentat pjan ta’ azzjoni g ħat-taħriġ tal-maġistrati dwar l-implimentazzjoni tal-Kodiċi ta’ Proċedura Penali l-ġdid. Il-liġi dwar l-għajnuna legali u l-leġiżlazzjoni li timplimentaha, inklużi dwar il-ħlasijiet ta' l-għajnuna legali, daħlet fis-seħħ f'Jannar ta' l-2006. Twaqqaf uffiċċju nazzjonali għall-għajnuna legali b’ba ġit ta’ 'l fuq minn EUR 3 miljun. Fi Frar ta’ l-2006 kienet adottata l-leġiżlazzjoni li timplimenta l-Liġi dwar l-Aġenti Privati ta’ Infurzar. Il-baġit għall-ġudikatura żdied bi 18% fl-2006 għal aktar minn EUR 136 miljun. Il-baġit tal-Kunsill Suprem Ġudizzjarju kważi ttrippla u issa hu qrib l-4 miljun euro. F’April ta’ l-2006 il-Kunsill Suprem Ġudizzjarju ddeċieda li jżied b’għaxra n-numru ta’ mħallfin fil-Qorti Suprema ta’ Kassazzjoni u bi tmienja n-numru ta’ prosekuturi ta’ l-Uffiċċju Suprem Amministrattiv tal-Prosekuzzjoni. Emendi fil-Liġi dwar il-Ġudikatura, li kienu adottati f’April ta’ l-2006, jipprevedu l-applikazzjoni tal-prinċipju ta’ kompetizzjoni fl-impjieg ta’ maġistrati. Ir-responsabbiltajiet tas-Servizz ta’ l-Investigazzjoni naqsu. Xi 700 investigatur ta’ dan is-servizz qed ikunu ri-impjegati bħala prosekuturi.

L-emendi tal-Liġi dwar il-Ġudikatura adottati m’ilux jintroduċu fil-leġiżlazzjoni l-allokazzjoni tal-każijiet mingħajr ordni fil-qorti, fl-uffiċċji tal-prosekuzzjoni u s-servizzi ta' investigazzjoni. Is-sistema ġudizzjarja ta’ l-IT l-ġdida għall-allokazzjoni tal-każijiet mingħajr ordni kienet ittestjata f’Jannar ta’ l-2006 u s-softwer li jopera s-sistema hu disponibbli f’90% tal-qrati.

Il-baġit ta’ l-Istitut Nazzjonali għall-Ġustizzja żdied bi kważi 80% fl-2006 għal aktar minn EUR 1.15 miljun biex jippermettilu biex jiffoka aktar fuq l-iżvilupp ta' kapaċità suffiċjenti għat-taħriġ speċjalizzat, inkluż għall-iskrivani. Fl-2005, in-numru ta’ persuni mħarrġin żdied b’xi 50 % fuq dak ta’ l-2000. Fi Frar 2006, il-prosekutur ġenerali elett il-ġdid irtira t-talba lill-Qorti Kostituzzjonali biex jiċċekkja l-legalità tal-Liġi dwar is-Sekwestru mill-Istat ta’ Assi Kriminali, sabiex din ta’ l-aħħar tidħol fis-seħħ.

Kienu adottati emendi fil-Kostituzzjoni f’Marzu ta’ l-2006. Huma jistabbilixxu s-Servizz tal-Prosekuzzjoni bħala dak responsabbli li jsegwi l-investigazzjonijiet u jipprovdu referenza fil-Kostituzzjoni għall-Ombudsman. F’Marzu ta’ l-2006 il-Kodiċi Proċedurali Amminsitrattiv kien adottat. Jipprevedi t-twaqqif ta’ 29 qorti amministrattiva ġdida.

Madankollu, baqa’ ċerti kwistjonijiet pendenti li jridu jkunu indirizzati.

L-emendi kostituzzjonali adottati dan l-aħħar jippermettu lill-Ministru tal-Ġustizzja li jkollu sehem fit-tfassil tal-baġit, it-taħriġ tal-maġistrati, il-promozzjoni u t-tkeċċija u deċiżjonijiet oħra li għandhom x’jaqsmu mar-riżorsi umani, il-ġestjoni ta’ l-infrastruttura tal-qorti u l-pro ċediment ġudizzjarju tal-każijiet. Filwaqt li l-Kunsill Suprem Ġudizzjarju (SJC) jibqa’ jkollu l-a ħħar kelma fuq dawn il-kwistjonijiet kollha importanti, is-sehem tiegħu qed jiddgħajjef bil-fatt li mhux organu permanenti. Il-membri tiegħu huma maġistrati *full time*, ta’ spiss jippresiedu l-qrati, l-uffiċċji tal-prosekuzzjoni jew ta’ l-investigazzjoni li jinvolvu ammont konsiderevoli ta' responsabbilitajiet. In vista ta’ dan u tal-fatt li l-Kunsill Suprem Ġudizzjarju għandu biss 65 membru, se tibqa’ sfida konsiderevoli għalih li jaġixxi fil-prattika bħala kontrobilanċ għall-Ministru tal-Ġustizzja u jikkontribwixxi sostanzjalment għall-formulazzjoni tal-politika f’aktar riforma tas-sistema tal-ġustizzja. F’dan l-isfond, l-emendi kostituzzjonali jħallu xi ambigwitajiet fir-rigward tal-garanziji ta’ l-indipendenza tal-ġudikatura. Kwalunkwe ambigwità għandha titne ħħa.

Il-fażi ta’ qabel il-ġuri baqgħet tkun ta' tfixkil għall-każijiet ta' kriminalità organizzata u ekonomika kif ukoll għall-każijiet ta' korruzzjoni biex tinstabilhom soluzzjoni fi spazju ta’ żmien b’dewmien raġonevoli minħabba l-karattru formalistiku tal-Kodiċi ta’ Proċedura Penali li

kien fis-seħħ sa tmiem April. L-impatt tal-Kodiċi ta' Proċedura Penali l-ġdid se jkollu bżonn li jkun segwit bir-reqqa. Jibqa' l-bżonn li l-kontabilità, it-trasparenza u l-ġestjoni interna tas-servizz tal-prosekuzzjoni jkunu indirizzati aktar. Il-verifika mħabbra għandha tkun l-ewwel pass utli fir-riforma tas-servizz tal-prosekuzzjoni.

L-adozzjoni tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili għadha ma seħħitx. L-implimentazzjoni tal-leġi żlazzjoni adottata fl-2005 miexja bil-mod f'xi każijiet minħabba li hemm dewmien bejn id-dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni primarja u l-implimentazzjoni tagħha.

L-allokazzjoni tal-każijiet mingħajr ordni u l-installazzjoni tas-sistema ta' l-IT relevanti g ħandhom bżonn ikunu effettivi fil-pajjiż kollu. Fir-rigward tat-tħaddim tas-sistema tal-qorti, l-ebda deċiżjonijiet finali ma ttieħdu dwar it-twaqqif tal-qrati speċjalizzati jew dwar it-tnaqqis tan-numru ta' qrati. Id-dispożizzjonijiet il-ġodda dwar il-proċeduri ta' impjieg kompetittiv għall-ma ġistrati issa għandhom bżonn li jkunu implimentati. Mekkaniżmu uniformi bi kriterji definiti tajjeb biex jeżamina l-kwalità tax-xogħol tal-maġistrati għadu ma joperax. Il-Kunsill Suprem Ġudizzjarju m'għandux dipartiment speċjalizzat responsabbli minn dan ix-xogħol. Il-korruzzjoni fil-ġudikatura tibqa' sfida serja.

B'mod ġenerali, sar progress limitat kemm f'termini ta' kwalità u kontabilità tal-ġustizzja kif ukoll fir-rigward ta' relazzjonijiet istituzzjonali bejn l-eżekuttiv u s-sistema tal-ġustizzja. Il-Bulgarija għandha bżonn li tlesti r-riforma tal-ġudikatura, tiżgura riżultati tanġibbli, u tieħu l-passi addizzjonali biex tiggarantixxi l-indipendenza tal-ġudikatura.

Miżuri kontra l-korruzzjoni

Sa mir-rapport ta' Ottubru ta' l-2005, kien hemm progress f'dawn l-oqsma li ġejjin:

F'Diċembru ta' l-2005, il-Kunsill tal-Ministri adotta Kodiċi ta' Etika li jirregola x-xogħol tal-membri tal-gvern u uffiċjali oħra b'ħatra politika fl-eżekuttiv. Skond dan il-Kodiċi, l-uffiċjali konċernati għandhom jiddikjaraw u jirreġistraw l-interessi finanzjarji tagħhom, huma projbiti milli jipparteċipaw bħala sħab f'kumpaniji u huma projbiti milli jaħdmu bħala *freelancers*, g ħandhom jagħtu kont tal-ġestjoni tar-riżorsi fdati lilhom u għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jipprevenu l-prattiċi korrotti fl-organi li għalihom huma responsabbli.

F'Diċembru ta' l-2005 kien ippubblikat rapport dwar ir-riżultati tal-Pjan ta' Azzjoni Kontra l-Korruzzjoni għall-2004-2005. Ir-rapport jelenka l-azzjonijiet li ttieħdu biex tkun evitata l-korruzzjoni fl-amministrazzjoni ta' l-istat. F'Jannar ta' l-2006, wara konsultazzjoni mal-komunità ta' l-Organizzazzjonijiet mhux Governattivi, kienu adottati l-Istrateġija kontra l-Korruzzjoni li tkopri l-perjodu l-2006-2008 u l-Pjan ta' Azzjoni li jakkumpanjaha. L-istrateġija u l-pjan ta' azzjoni jipprovdu qafas komprensiv biex jiġġieled il-korruzzjoni u jiffoka fuq il-ġlieda kontra l-korruzzjoni f'livell għoli. Wara l-emendi ta' April ta' l-2006, għall-Liġi dwar il-pubbliċità ta' proprjetà posseduta minn persuni li jokkupaw pożizzjonijiet għolja ta' l-istat, l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika se jkun obbligat li jippubblika kull sena lista ta' nies li ma osservawx l-obbligu li jiddikjaraw il-proprjetà tagħhom. Il-multi tan-nuqqas ta' osservanza żdiedu.

F'Jannar ta' l-2006, kien stabbilit Kunsill biex itejjeb il-ko-ordinazzjoni bejn il-kumitati kontra l-korruzzjoni ta' l-Assemblea Nazzjonali, il-Kunsill tal-Ministri u l-Kunsill Suprem Ġudizzjarju. Il-Ministeru tas-Saħħa ħa miżuri addizzjonali biex isegwi u jikkontrolla l-istituzzjonijiet tal-kura tas-saħħa fir-rigward ir-riskju ta' korruzzjoni żgħira. Kien stabbilit kumitat ta' l-etika fil-

Parlament.

F'Marzu ta' l-2006 kienu adottati l-emendi kostituzzjonali li jagħmlu l-membri tal-Parlament responsabbli għat-tipi kollha ta' offiżi u li jippermettu li titneħħa l-immunità jekk Membru tal-Parlament jagħti l-kunsens tiegħu bil-miktub biex jibda l-każ fil-qorti. Il-Prosekutur Ġenerali baqa' jżomm l-monopolju tiegħu biex jitlob it-tneħħija ta' l-immunità ta' Membru tal-Parlament. Sa minn Frar ta' l-2006 għaxar talbiet biex titneħħa l-immunità tal-Membri tal-Parlament kienu ppreżentati. Ħames Membri tal-Parlament astjenew volontarjament mill-immunità tagħhom u l-immunità tas-sitt wieħed tneħħiet b'vot Parlamentari, biex għalhekk ippermetta lill-qorti li tinvestiga formalment l-allegazzjonijiet ta' korruzzjoni. F'Marzu ta' l-2006 tressqet talba wa ħda ta' tneħħija ta' l-immunità fuq il-mejda, u f'April ta' l-2006, tressqu tmienja, mill-Prosekutur Ġenerali. Sadanittant ħames individwi kkonċernati taw il-kunsens tagħhom bil-miktub għat-tneħħija ta' l-immunità tagħhom.

Fi tmiem Marzu ta' l-2006 twaqqaf dipartiment speċjalizzat fl-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali bix-xogħol ewlieni tiegħu jkun li jmexxi u jissorvelja l-proċedura ta' qabel il-ġuri fil-każijiet relatati mal-kriminalità organizzata u l-korruzzjoni.

Kienu rreġistrati 35 att ta' akkuża bejn l-1999 u t-tmien ta' l-2005 kontra politiċi f'livell għoli. Minn Ottubru ta' l-2005, ingħataw kundanni soġġetti għal aktar appelli kontra ex-membri tal-gvern, ħames maġistrati u uffiċjal tal-qorti ("*bailiff*"). Fl-istess perjodu, jistgħu jkunu rrappurtati tliet kundanni finali fir-rigward ta' livell medju ta' korruzzjoni li jinvolvu impjegati taċ-ċivil.

Madankollu, baqa' ċerti kwistjonijiet pendenti li jridu jkunu indirizzati.

B'mod ġenerali, il-kapaċità amministrattiva ġenerali u, aktar speċifika, il-kapaċità tal-ko-ordinazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Prevenzjoni u l-Kontroazzjoni tal-Korruzzjoni, issa mmexxija mill-Ministru ta' l-Intern u mqiegħda fil-Kunsill tal-Ministri, għandha bżonn li tissaħ ħaħ. S'issa, l-esperjenza ta' miżuri li daħlu fis-seħħ biex jiġġieldu l-korruzzjoni f'livell għoli tibqa' fqira u l-implimentazzjoni ta' l-istrateġija u l-pjan ta' azzjoni l-ġodda għalhekk għandhom bżonn ikunu segwiti mill-qrib. L-implimentazzjoni tal-Liġi dwar il-Pubbliċità tal-Proprjetà ta' Persuni li jokkupaw Pożizzjonijiet Għolja ta' l-Istat għandha bżonn li l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika jsaħħaħ l-kapaċità tiegħu biex jivverifika d-dikjarazzjonijiet ta' l-assi. L-emendi reċenti fil-liġi jeħtieġu permess minn qabel għall-pubblikazzjoni ta' l-assi u d-dikjarazzjonijiet tad-dħul fil-midja. Il-Liġi dwar il-Partiti Politiċi ma tkoprix donazzjonijiet mhux fi flus. Donazzjonijiet minn fondazzjonijiet politiċi lill-partiti mhumiex soġġetti għall-iskrutinju mill-uffiċċju nazzjonali tal-verifika. Il-partiti politiċi mhumiex obbligati li jikxfu fil-pubbliku d-donaturi tagħhom. Akku żi, prosekuzzjonijiet, ġurijiet, kundanni u sentenzi disswaživi dwar korruzzjoni f'livell għoli jibqgħu rari. Il-korruzzjoni żgħira għadha ta' tħassib f'setturi bħalma huma s-saħħa u l-edukazzjoni. Il-Kummissjoni dwar il-Prevenzjoni u l-Kontroazzjoni tal-Korruzzjoni għandha ż żid l-kapaċità jekk trid li twettaq is-sehem tagħha b'mod effettiv.

B'mod ġenerali, sar ċertu progress fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni. Il-Bulgarija għandha bżonn li tippreżenta evidenza ċara tar-riżultati tal-ġlieda tagħha kontra l-korruzzjoni, partikolarment il-korruzzjoni f'livell għoli.

Traffikar ta' bnedmin

Sa mir-rapport ta' Ottubru ta' l-2005, kien hemm progress f'dawn l-oqsma li ġejjin:

M'ilux twaqqfet il-Kummissjoni Nazzjonali kontra t-Traffikar u ppubblikat il-politika tagħha. Il-liġi dwar il-karti ta' identità Bulgari kienet emendata sabiex ikun evitat is-safar barra ta' tfal mhux akkumpanjati għal skopijiet kriminali u jkun evitat it-traffikar tat-tfal. Aktar kooperazzjoni ma' l-Istati Membri fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin wasslet għat-tkissir ta' disa' ċrieki ta' traffikar tan-nisa. Kienu ffirmati ftehimiet ta' kooperazzjoni ma' diversi Stati Membri. Il-Bulgarija bdiet il-programm ta' protezzjoni tax-xhud. Erba' persuni ngħataw din il-protezzjoni.

Madankollu, baqa' ċerti kwistjonijiet pendenti li jridu jkunu indirizzati.

Il-Bulgarija jibqa' pajjiż ta' tranżitu u sa ċertu punt iżgħar pajjiż ta' oriġini għat-traffikar tal-bnedmin. Problema li qiegħda tikber hi t-traffikar ta' trabi ġodda tat-twelid li jinvolvi nisa tqal li jkollhom il-ħlas barra mill-pajjiż. L-assenza ta' mekkaniżmi ta' reġistrazzjoni ta' min joqgħod fuqhom twassal għal nuqqas ta' informazzjoni ċara u n-numru ta' persuni nieqsa. L-implimentazzjoni tal-Liġi dwar il-karti ta' l-identità Bulgari għadha mhix kompleta. L-implimentazzjoni tal-programm tal-protezzjoni tax-xhud hi limitata.

B'mod ġenerali, sar progress limitat fir-rigward ta' traffikar ta' bnedmin.

Il-maltrattament waqt arrest u l-kondizzjonijiet fil-ħabs

Sa mir-rapport ta' Ottubru ta' l-2005, kien hemm progress f'dawn l-oqsma li ġejjin:

F'xi lokalitajiet in-numru ta' inċidenti ta' maltrattament minn uffiċjali ta' l-infurzar tal-liġi tnaqqas b'suċċess. Kien hemm xi titjib fil-kondizzjonijiet ta' għajxien tal-priġunieri f'ċerti ċentri ta' detenzjoni. Hemm kunsilli ta' probazzjoni f'kull servizz ta' probazzjoni u kompla t-taħriġ.

Madankollu, baqa' ċerti kwistjonijiet pendenti li jridu jkunu indirizzati.

Baqa' jkun hemm każijiet ta' maltrattament ta' arrestati minn impjegati ta' l-infurzar tal-liġi, inkluż użu eċċessiv tal-forza u l-armi. It-tortura skond it-tifsira tal-Konvenzjoni tan-NU kontra t-Tortura u t-Trattament jew il-Punizzjoni Diżumana jew Degradanti mhix definita l-istess. G ħad hemm każijiet fejn il-proċeduri xierqa ta' awtopsja u inkjesta ma kienux rispettati bis-sħiħ. Ir-regoli u l-proċeduri għat-tħaddim tal-kunsilli tal-probazzjoni għadhom ma kienux żviluppati.

B'mod ġenerali, sar xi progress li jindirizza l-maltrattament taħt arrest u fir-rigward tal-kondizzjonijet fil-ħabs.

Il-protezzjoni tat-tfal

Sa mir-rapport ta' Ottubru ta' l-2005, kien hemm progress f'dawn l-oqsma li ġejjin:

Fil-bidu ta' l-2006, il-Bulgarija rratifikat l-Konvenzjoni ta' l-Aja għall-protezzjoni tat-tfal. Kienu adottati emendi fil-Liġi tal-Benefiċċji għall-Familji bi Tfal u l-Programm Nazzjonali ta' Protezzjoni tat-Tfal (2006). Il-liġi għandha l-għan li tipprovdi alternattivi lil tfal fl-istituti, li ttejjeb l-kondizzjonijiet fl-istituzzjonijiet tal-kura tat-tfal. Il-programm jindirizza l-kwistjonijiet tat-tfal li jiġru fit-toroq u l-abbuż u l-isfruttament tat-tfal u jiżgura aċċess ugwali għall-

edukazzjoni u jistabbilixxi sistema ta' informazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tat-tfal. F'April ta' l-2006 kienu adottati emendi fil-liġi dwar il-protezzjoni tat-tfal li jintroduċu bażi legali għall-kura professjonali tal-*fostering* fil-Bulgarija u bl-għan li tisseddaq id-de-istituzzjonalizzazzjoni kif ukoll l-għoti ta' servizzi soċjali alternattivi. Barra minn hekk, tistabbilixxi bażi legali biex jisseddqu l-mekkaniżmi ta' kontroll u sanzjoni.

Barra minn hekk, il-gvern adotta f'April ta' l-2006 kunċett għad-de-istituzzjonalizzazzjoni ta' istituti speċjalizzati għat-tfal u istituzzjonijiet soċjali għall-anzjani b'diżabilitajiet. Il-kunċett jiddefinixxi l-objettivi tal-proċess ta' de-istituzzjonalizzazzjoni u l-linji ta' gwida bażiċi għall-implimentazzjoni tiegħu. Il-kondizzjonijiet ta' ħajja fl-istituti tat-tfal tjiebu f'xi każijiet u apparti mill-istituzzjonijiet li jaqgħu taħt ir-reponsabbiltà tal-Ministeru tas-Saħħa kien hemm tnaqqis żg ħir fin-numri ta' persuni fl-istituzzjonijiet fl-2005. L-iżvilupp ta' kura alternattiva jkompli jkun organizzat prinċipalment mill-organizzazzjonijiet mhux governattivi. Żewġ istituzzjonijiet ing ħalqu u għaddej ir-ristrutturar ta' xi wħud. L-adozzjoni internazzjonali naqset minn 217 fl-2004 għal 101 fl-2005. In-numru ta' adozzjonjiet nazzjonali żdied. Daħal fis-seħħ reġistru ta' persuni neqsin skond il-Ftehim ta' Schengen.

Madankollu, baqa' ċerti kwistjonijiet pendenti li jridu jkunu indirizzati.

F'ħafna istituzzjonijiet, il-kondizzjonijiet ta' ħajja u sanitarji huma ta' livell baxx ħafna. L-A ġenziji għall-Protezzjoni tat-Tfal u għall-Assistenza Soċjali għadhom mingħajr sistema ta' monitoraġġ u superviżjoni ta' min joqgħod fuqha li tivverfika l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tagħha. In-numru ta' tfal fl-istituti jibqa' għoli. Ma twaqqfitx *database* ċentrali għal adozzjonijiet nazzjonali. Għad hemm nuqqas ta' trasparenza tal-proċeduri, partikularment fir-rigward ta' l-adozzjonijiet internazzjonali.

Sar progress limitat fil-qasam tal-protezzjoni tat-tfal. Il-ħolqien ta' sistemi alternattivi ta' kura tat-tfal huwa prijorità. Il-kapaċità ta' monitoraġġ tal-bżonnijiet ta' l-aġenziji responsabbli g ħandha bżonn ta' titjib.

Is-sistema tal-kura tal-persuni b'diżabilità u s-saħħa mentali

Sa mir-rapport ta' Ottubru ta' l-2005, kien hemm progress f'dawn l-oqsma li ġejjin:

F'Diċembru 2005, il-gvern adotta pjan ta' azzjoni dwar l-opportunitajiet ugwali għall-persuni b'diżabilità għas-snin 2006-2007. Dan jaħseb biex itejjeb il-kwalità tal-ħajja u jiġġieled l-esklu żjoni soċjali tal-persuni b'diżabilità. Kien approvat pjan biex itejjeb is-sitwazzjoni tal-persuni anzjani b'diżabilità mentali fl-istituti għas-snin 2006 sa l-2008. Dawn il-pjanijijet huma f'konformità mal-qafas ta' politika ġenerali tal-gvern. Fi Frar 2006, kienet emendata l-Liġi dwar l-Integrazzjoni tal-Persuni b'Diżabilità bl-għan li tintitola lill-persuni b'diżabilità għall-benefiċċju mensili għall-integrazzjoni soċjali. In-numru ta' persuni b'diżabilità li qed jibbenefikaw minn benefiċċji mensili għall-integrazzjoni soċjali żdied b'mod sinifikattiv bejn Awissu 2005 (180 000 persuna) u Diċembru 2005 (430 000 persuna). Barra minn hekk, il-Programm Nazzjonali "Assistenti għal Persuni b'Diżabilità" kien emendat bl-għan li jipprovdi assistenti soċjali lil persuni li reċentement kienu integrati fil-familji.

Kien iffirmat qafas ta' ftehim bejn il-Ministeru tas-Saħħa u l-Ministeru tax-Xogħol u l-Politika Soċjali bl-għan li jkunu ikkoordinati l-kwistjonijiet ta' saħħa mentali.

Madankollu, baqa' ċerti kwistjonijiet pendenti li jridu jkunu indirizzati.

Hemm bżonn li jkunu applikati sistematikament proċeduri xierqa mediċi u legali f'każijiet ta' istituzzjonalizzazzjoni. Is-servizzi fil-komunità jibqgħu sottożviluppati. L-integrazzjoni fl-iskola ta' tfal b'diżabilitajiet għadha lura. Ħafna istituti ta' persuni b'diżabilità mentali huma ffullati u jonqoshom servizzi adegwati.

Is-sistema ta' re-integrazzjoni ta' persuni b'diżabilità għadha mhix effettiva. De-istituzzjonalizzazzjoni u l-ġlieda kontra l-preġudizzji għandhom ikunu segwiti b'aktar vigoro żità. Strutturi ta' kura bbażati fil-komunità għal persuni b'diżabilità mentali qed ikunu żviluppati bil-mod. Is-sistema ta' re-integrazzjoni ta' persuni b'diżabilità għadha mhix effettiva. L-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar il-kura tas-saħħa mentali għandha bżonn tkun segwita u mħeġġa.

B'mod ġenerali, sar xi progress f'dan il-qasam. Madankollu, għad hemm il-bżonn ta' titjib ta' kondizzjonijiet ta' ħajja fl-istituti u s-sitwazzjoni ta' persuni bi bżonnijiet speċjali u mard mentali. Hemm bżonn li jiżdiedu l-isforzi li jappoġġjaw l-iżvilupp ta' servizzi alternattivi u jtejbu l-monitoraġġ.

Protezzjoni u integrazzjoni ta' minoritajiet

Sa mir-rapport ta' Ottubru ta' l-2005, kien hemm progress f'dawn l-oqsma li ġejjin:

Tfassal il-Pjan Nazzjonali ta' Azzjoni għad-Deċennju ta' Inklużjoni tar-Roma 2005-2015. Sa mit-twaqqif tal-Kummissjoni għall-Protezzjoni kontra d-Diskriminazzjoni f'Novembru ta' l-2005, il-maġġoranza tal-kazijiet ġestiti mill-Kummissjoni kienu dwar diskriminazzjoni etnika. Kienet akkreditata l-professjoni ta' 'assistent għalliem' mill-Ministeru tax-Xogħol u l-Politika Soċjali f'Jannar ta' l-2006. F'Marzu ta' l-2006 il-gvern adotta Programm Nazzjonali għat-tijib tal-Kondizzjonijiet ta' Ħajja tar-Roma għall-perjodu 2005-2015. Il-baġit allokat għall-perjodu ta' għaxar snin hu ta' madwar 630 Euro, li minnhom 40% ġejjin mill-baġit nazzjonali. L-inizjattivi li għandhom l-għan li jattiraw u jżommu tfal Roma żgħar fi skola b'mod ġenerali jkomplu jkunu ta' suċċess. Programmi nazzjonali ta' xogħol bl-għan *inter alia* li jindirizzaw b'mod partikulari persuni mingħajr xogħol u ħiliet komplew u ħafna minnhom involvew ir-Roma.

Emendi fir-regolament dwar l-istruttura u l-attività tal-Kunsill Nazzjonali għall-Kooperazzjoni dwar Kwistjonijiet Etniċi u Demografiċi ppermettew żieda żgħira fil-kapaċità amministrattiva ta' l-istrutturi ta' l-Istat li jittrattaw kwistjonijiet ta' minoranzi. Il-maġġoranza vasta tal-Kunsilli Reġjonali għall-'Kwistjonijiet Etniċi u Demografiċi' kienu stabbiliti. Hemm numru ta' każijiet li fihom l-organizzazzjonijiet mhux governattivi qed jindirizzaw b'suċċess l-kwistjoni ta' l-iskejjel segregati *de facto* fil-Bulgarija.

Madankollu, baqa' ċerti kwistjonijiet pendenti li jridu jkunu indirizzati.

Hemm bżonn ta' miżuri addizzjonali biex titjieb l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni għal De ċennju ta' Inklużjoni tar-Roma 2005-2015. Il-Kummissjoni għall-Protezzjoni kontra d-Diskriminazzjoni għadha mhix adegwatament mogħnija bir-riżorsi u mhix qed taħdem bis-sħiħ. Għandha bżonn approċċ strateġiku għal-litigazzjoni u ssir aktar pro-attivia f'termini ta' prevenzjoni, taħriġ u attivitajiet li jqajmu kuxjenza *(ara wkoll il-kapitolu 13: Il-Politika Soċjali u x-Xogħol)*.

Il-profili ta' l-impjieg u l-baġits għall-assistenti għalliema għadhom mhumiex definiti. Miżuri

biex jintegraw it-tfal Roma fl-iskejjel ma jikkonċernawx studenti fi gradi għolja. Dawn il-miżuri ta' spiss jibqgħu limitati minħabba l-finanzjament limitat. Ħafna Roma għad m'għandhomx aċ ċess adegwat għas-servizzi tas-saħħa. Inċentivi għall-inklużjoni soċjali għar-Roma jibqgħu limitati. Sforzi biex gruppi vulnerabbli jkunu inklużi, partikularment ir-Roma, fis-suq tax-xog ħol, għandhom jitjiebu billi jitrawwem l-aċċess għal miżuri ta' taħriġ vokazzjonali. Il-maltrattament ta' persuni taħt arrest jidher li għadu jeffettwa b'mod sproporzjonat lir-Roma.

Il-kapaċità amministrattiva tal-Kunsill Nazzjonali għall-Kooperazzjoni dwar il-Kwistjonijiet Etniċi u Demografiċi tibqa' mhux sħiħa. Il-Kunsilli Reġjonali għall-Kwistjonijiet Etniċi u Demografiċi jonqoshom ir-riżorsi umani u l-infrastruttura adegwata speċjalment dawk li jtejbu l-komunikazzjoni tagħhom mas-sottostrutturi ċentrali u lokali.

B'mod ġenerali, sar xi progress fil-qasam tal-protezzjoni u l-integrazzjoni tal-minoranza Roma. Madankollu, għad hemm bżonn sforzi sostanzjali biex ikunu promossi l-inklużjoni soċjali u l-integrazzjoni tar-Roma fis-soċjetà Bulgara. Hemm bżonn li jittejbu l-kondizzjonijiet tal-ħajja. Hemm bżonn ta' aktar sforzi biex jiġġieldu l-forom kollha ta' intolleranza, partikularment bl-applikazzjoni sħiħa tal-leġiżlazzjoni eżistenti dwar ix-xandir u attivitajiet oħra li għandhom l-g ħan li jiġġieldu kwalunkwe forma ta' razziżmu, diskriminazzjoni jew ksenofobija.

2.1. Valutazzjoni ġenerali

Il-Bulgarija tissodisfa il-kriterji politiċi għall-adeżjoni fl-UE.

Sa mir-rapport ta' Ottubru 2005, kien hemm progress f'numru ta' oqsma, inklużi r-riforma fil-ġudikatura. Fir-rigward tas-sistema ġudizzjarja, il-kodiċi l-ġdid ta' proċedura penali u l-qafas legali għall-għajnuna legali daħlu fis-seħħ. Emendi kostituzzjonali intitolaw is-servizz tal-prosekuzzjoni bir-responsabbiltà biex imexxi investigazzjonijiet. Emendi fil-Liġi dwar il-Ġudikatura kienu adottati.

Il-Bulgarija ħadet numru ta' miżuri biex tiġġieled il-korruzzjoni. Kodiċi ta' etika kien adottat g ħall-fergħa eżekuttiva. Kienet adottata strateġija kontra l-korruzzjoni għall-2006-2008. L-emendi kostituzzjonali naqqsu l-ambitu ta' l-immunità tal-Membri tal-Parlament. Il-prosekutur ġenerali ppreżenta talbiet għat-tneħħija ta' l-immunità ta' għaxar Membri tal-parlament. Ħamsa astjenew mill-immunità tagħhom u l-immunità tas-sitt wieħed tneħħiet permezz ta' vot fil-Parlament. il-każijiet l-oħra għadhom qed ikunu eżaminati. Dan ippermetta li jkunu varati investigazzjonijiet f'każijiet ta' korruzzjoni f'livell għoli.

Il-Bulgarija għamlet progress fil-qasam ta' l-amministrazzjoni pubblika, partikularment fl-adozzjoni ta' l-emendi għall-liġijiet dwar l-amministrazzjoni u dwar l-impjegati taċ-ċivil, u Kodi ċi ġdid ta' Proċedura Amministrattiva. Fir-rigward tal-maltrattament matul l-arrest, kien hemm xi tnaqqis ta' inċidenti, fil-waqt li l-kondizzjonijiet f'ċerti ċentri ta' detenzjoni tjiebu. Ittieħdu inizjattivi politiċi favur persuni b'diżabilità u s-sistema tal-kura tas-saħħa mentali. L-ppoġġ so ċjali għall-persuni b'diżabilità żdied.

Madankollu, baqa' ċerti kwistjonijiet pendenti li jridu jkunu indirizzati. Il-kontabilità, it-trasparenza u l-effiċjenza tas-sistema tal-ġustizzja għandha bżonn ta' aktar tisħiħ. Jinħtieġu aktar sforzi biex tkun konsolidata l-implimentazzjoni ta' l-allokazzjoni mingħajr ordni tal-ka żijiet fil-pajjiż kollu. Hemm bżonn ta' mekkaniżmi aktar oġġettivi u trasparenti biex tkun e żaminata l-kwalità tax-xogħol tal-maġistrati. Hemm bżonn titneħħa kwalunkwe ambigwità fir-rigward ta' l-indipendenza tal-ġudikatura. Kien hemm tfixkil fil-proċess ta' qabel il-ġuri min

ħabba regoli proċedurali u investigaturi insuffiċjenti. Kien hemm ftit riżultati tanġibbli fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata.

L-istrutturi biex jikkordinaw u jimplimentaw il-politika kontra l-korruzzjoni għandhom bżonn jissaħħu sabiex jaqdu s-sehem tagħhom b'mod effettiv. Akkużi, prosekuzzjonijiet, ġurijiet, kundanni u sentenzi dissważivi fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni f'livell għoli jibqgħu rari. Il-Bulgarija għandha bżonn tippreżenta evidenza ċara ta' riżultati f'dan il-qasam.

L-istrateġija biex tkun diċentralizzata l-amministrazzjoni għadha ma ġietx adottata. Il-Bulgarija jibqa' pajjiż ta' tranżitu u sa ċertu punt iżgħar pajjiż ta' oriġini u destinazzjoni għat-traffikar tal-bnedmin. Jibqgħu l-każijiet ta' maltrattament tad-detenuti. Hemm bżonn ta' titjib fil-kondizzjonijiet ta' ħajja f'ħafna istituti tal-kura tat-tfal u l-kura tas-saħħa mentali permezz ta' l-implimentazzjoni ta' inizattivi politiċi, u l-ħolqien ta' sistemi ta' kura alternattivi. L-inklużjoni soċjali tal-minoranza Roma għad għandha bżonn sforzi sostanzjali. Hemm bżonn ta' aktar sforzi biex jiġġieldu l-forom kollha ta' intolleranza, partikularment bl-applikazzjoni sħiħa tal-le ġiżlazzjoni eżistenti dwar ix-xandir u attivitajiet oħra li għandhom l-għan li jiġġieldu kwalunkwe forma ta' razziżmu, diskriminazzjoni jew ksenofobija.

3. KRITERJI EKONOMIĊI

Daħla

Fir-Rapport ta' l-2005, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-Bulgarija tkompli tkun ekonomija tas-suq li tiffunzjona. Ikkonkludiet li jekk il-Bulgarija tkompli għaddejja b'dan il-pass fir-riforma tagħha għandha tkun kapaċi tlaħħaq mal-pressjoni kompetittiva u l-forzi tas-suq fl-Unjoni. Il-Bulgarija ġeneralment żammet stabbiltà makroekonomika, avolja l-iżbilanċi esterni komplew ji żdiedu. Kompliet timplimenta l-programm ta' riforma strutturali, għalkemm mhux fl-oqsma kollha bl-istess vigorożità.

Wara espansjoni qawwija ħafna ta' 6.2% fl-ewwel nofs ta' l-2005, il-veru tkabbir tal-PGD batta fit-tielet kwart prinċipalment minħabba l-għarar qawwija matul ix-xhur tas-sajf u laħaq 5.5% tas-sena kollha. Il-formazzjoni tal-kapital fiss gross kiber b'saħħtu b'mod partikulari b'rata ta' 19.0%; il-konsum finali wkoll baqa' jespandi b'rata ta' 6.8%. Kemm id-defiċit kummerċjali kif ukoll u d-defiċit tal-kont kurrenti żdiedu aktar minn 15.1% tal-PGD fl-2004 g ħal 20.4% tal-PGD fl-2005 u minn 5.8% tal-PGD għal 11.8% tal-PGD. L-inflazzjoni tal-prezzijiet tal-konsumatur (interim HICP) aċċellerat lejn tmiem is-sena minħabba żidiet fil-prezzijiet taż-żejt u l-ikel. Filwaqt li l-inflazzjoni medja niżlet minn 6.1% fl-2004 għal 5.0% fl-2005, l-inflazzjoni ta' tmiem is-sena għalhekk telgħet minn 4.0% għal 6.5%.

Din it-taqsima teżamina, f'kull wieħed mill-oqsma pendenti, l-iżviluppi li seħħew mir-Rapport ta' Ottubru ta' l-2005 'l hawn u l-preparazzjoni tal-Bulgarija għall-adeżjoni.

Stabilità makroekonomika u d-defiċit tal-kont kurrenti

Ir-Rapport 2005 ikkonkluda li l-kontinwazzjoni tal-politika fiskali prudenti u ż-żidiet moderati fil-pagi baqgħu kritiċi biex tinstab soluzzjoni għar-riskji potenzjali marbutin mal-bilanċ estern. Sa minn dak iż-żmien, kien hemm progress f'dawn l-oqsma li ġejjin:

Il-politika fiskali stretta u ż-żidiet relattivament moderati fil-pagi komplew u ttieħdu miżuri addizzjonali biex jitnaqqas it-tkabbir tal-kreditu. Madankollu, id-defiċit fil-kont kurrenti żdied

aktar fit-tieni nofs ta' l-2005 u laħaq il-11.8% tal-PGD għall-2005. Din iż-żieda kienet ikkaw żata prinċipalment minn xokkijiet eżoġenji negattivi, filwaqt li l-politika makroekonomika baqg ħet b'mod ġenerali prudenti ħafna. Il-bilanċ ġenerali tal-gvern spiċċa b'bilanċ ta' 3.1% tal-PGD (ESA 95) imqabbel mal-1.9% fl-2004. Minkejja żieda ta' 25% fil-paga minima f'Jannar 2005, i ż-żidiet medji fil-pagi baqgħu moderati. Il-paga medja annwali reali kibret b'xi 4.1% u g ħalhekk b'mod ġenerali skond il-kisbiet tal-produttività.

Miżuri addizzjonali biex jinqata' t-tkabbir tal-kreditu bankarju daħlu fis-seħħ f'April 2005 u kienu relattivament effettivi biex inaqqsu r-rata ta' tkabbir annwali minn qrib il-50% fl-2004 g ħal taħt it-30% f'Marzu ta' l-2006. Minn Jannar ta' l-2006, il-miżuri kienu ssikkati aktar, bl-g ħan li titnaqqas ir-rata tat-tkabbir annwali għal taħt l-20% fl-2006. Ittieħdu aktar miżuri biex jimmiraw b'mod aktar speċifiku s-self fuq id-djar u bl-ipoteka. Xi ftit aktar issikkar fiskali hu previst fl-2006 b'mira fiskali reveduta ta' 3% tal-bilanċ tal-PGD. Il-pagi tas-settur pubbliku huma skedati li jiżdiedu b'6% f'Ġunju 2006 li flimkien ma' żieda aktar moderata fil-paga minima għandha tgħin biex iżżomm l-iżviluppi fil-pagi orjentati lejn l-istabilità.

Madankollu, baqa' ċerti kwistjonijiet pendenti li jridu jkunu indirizzati.

It-twessiegħ tad-defiċit fil-kont kurrenti fl-2005 kien kważi esklussivament minħabba defiċit og ħla fil-kummerċ u bilanċ iżgħar fil-bilanċ tas-servizzi. Prezzijiet ogħla taż-żejt u importazzjoni partikularment qawwija ta' oġġetti ta' investiment wasslu għal aċċellerazzjoni ta' tkabbir fl-importazzjoni ta' aktar minn 26%. Fl-istess ħin, it-tkabbir fl-esportazzjoni batta matul is-sena g ħal 18.4% l-aktar minħabba d-diżordni relatata ma' l-għarar. B'konsegwenza, id-defiċit kummerċjali żdied għal 20.4% tal-PGD fl-2005. Tkabbir għoli fl-importazzjoni implika wkoll żieda fl-infiq fit-trasport, li flimkien ma' rata kajmana fit-tkabbir ta' l-industrija tat-turiżmu naqqsu l-ammont li fadal fil-bilanċ tas-servizzi. Filwaqt li r-restrizzjonijiet fuq it-tkabbir tal-kreditu kienu effettivi biex iċekknu l-espansjoni tal-kreditu, l-impatt tagħhom biex tinstab soluzzjoni għad-defiċit estern kien aktar limitat, għaliex l-intrapriżi qegħdin jistrieħu aktar fuq sorsi oħra ta' finanzjament, inklużi kiri u self dirett barrani. In vista ta' defiċit għoli ħafna fil-kummerċ u fil-kont kurrenti, il-kontinwazzjoni tal-politika fiskali stretta u l-miżuri biex isolvu t-tkabbir tal-kreditu u ż-żidiet moderati fil-pagi jibqgħu kritiċi.

B'mod ġenerali, ittieħdu passi xierqa biex tinstab soluzzjoni għad-defiċit estern, iżda ma setax ikun evitat aktar tkabbir. Il-kontinwazzjoni tal-politika prudenti makroeknomika flimkien ma' tisħiħ akbar tar-riformi strutturali se jkunu għalhekk kritiċi biex jinkiseb tnaqqis sostenut tad-defiċit fil-kont kurrenti.

Privatizzazzjoni u ristrutturar industrijali

Ir-Rapport ta' l-2005 ikkonkluda li l-momentum biex jitlesta l-programm ta' privatizzazzjoni g ħandu jinżamm. Sa minn dak iż-żmien, kien hemm progress f'dawn l-oqsma li ġejjin:

Minn total ta' aktar minn 5,800 intrapriża f'idejn l-istat previsti għall-privatizzazzjoni, l-istat g ħad għandu f'idejh is-sehem maġġoritarju jew minoritarju ta' 520 intrapriża. Ishma f'74 intrapri ża nbiegħu minn Settembru 2005, ħafna minnhom li jinvolvu sehem minoritarju, iżda s-sehem ta' l-assi privatizzati żdied biss bi ftit u baqa' taħt id-90% ta' l-assi kollha previsti għall-privatizzazzjoni. Min-negozjati tal-privatizzazzjoni l-kbar imsemmija fir-rapport ta' l-2005, tlieta biss (l-istudjos ċinematografiċi Boyana, l-impjant ta' l-enerġija termali ta' Varna u l-kumpanija tat-tbaħħir fix-xmara) kienu viċin it-tmiem f'April 2006. Strateġiji riveduti ta' privatizzazzjoni għall-Flotta Marittima u l-Ajru tal-Bulgarija kienu adottati mill-Kunsill tal-

Ministri f'Ottubru 2005 u fi Frar 2006. L-istrateġija għall-Linja ta' l-Ajru tal-Bulgarija – Bulgaria Air – kienet approvata mill-Parlament f'Marzu ta' l-2006. Fi Frar 2006, il-Bulgartabac Holding adottat strateġija għar-ristrutturar u l-bejgħ ta' unitajiet individwali diversi.

Sar xi ftit aktar progress fil-liberalizzazzjoni u r-ristrutturar ta' l-industriji tan-netwerk. Il-ftuħ tas-swieq tal-gass u l-elettriku kompla skond l-iskeda eżistenti. Kienu eleborati l-pjanijiet biex jinħallu l-Kumpanija Nazzjonali ta' l-Elettriku u l-Bulgargas. Il-liberalizzazzjoni tal-ferroviji hi avvanzata sew. Konċessjonijiet għat-tħaddim u t-titjib tal-portijiet u l-ajruporti qed jingħataw lill-operaturi privati, minkejja li l-għoti tal-konċessjoni għall-ajruporti f'Varna u Bourgas kien ittardjat minħabba l-appelli fil-qorti. Fis-settur tat-telekomunikazzjonijiet, il-kondizzjonijiet g ħall-kompetizzjoni effettiva tjiebu, parzjalment minħabba li t-tielet operatur tal-mobajls beda is-servizzi f'Novembru 2005.

Madankollu, baqa' ċerti kwistjonijiet pendenti li jridu jkunu indirizzati.

Il-proċess tal-privatizzazzjoni hu avvanzat sew, iżda għad irid jitlesta. Jinħtieġu aktar sforzi biex ikun konkluż b'suċċess il-proċess ta' privatizzazzjoni fis-setturi ta' l-enerġija u t-trasport. Fis-settur ta' l-enerġija, il-bejgħ ta' l-impjanti ta' enerġija termali f'Rousse u Bobov Dol ma tlestiex. L-istrateġija tal-privatizzazzjoni tal-Kumpanija tat-Tbaħħir Marittimu għadha ma ġietx adottata mill-Parlament u bħalissa qiegħda tkun riveduta.

Is-separazzjoni tal-Kumpanija Nazzjonali ta' l-Elettriku u l-Bulgargas kif ukoll il-liberalizzazzjoni tas-swieq tal-gass u l-elettriku se jdumu ma jitlestew sa l-adeżjoni. Fir-rigward tat-trasport bil-ferrovija, l-operatur tal-ferrovija u l-kumpanija ta' l-infrastruttura jkomplu jag ħmlu telf finanzjarju u jakkumulaw l-arretrati. Aktar progress fir-ristrutturar tas-settur tal-ferrovija, inkluži permezz ta' miżuri li jnaqqsu l-ispejjeż, se jkunu essenzjali biex titjieb is-sitwazzjoni finanzjarja. It-tisħiħ tal-kapaċità ta' l-organi regolatorji se jkun importanti biex jitjiebu aktar il-kondizzjonijiet għall-kompetizzjoni fl-industriji tan-netwerk.

B'mod ġenerali, filwaqt li hi fi stadju avvanzat, kien hemm progress limitat fil-privatizzazzjoni. Il-liberalizzazzjoni u r-ristrutturar tas-setturi tal-gass u l-elettriku baqgħux ma tlestewx. Hemm ħtieġa ta' aktar sforzi fir-ristrutturar tas-settur tal-ferroviji.

L-ambjent tan-negozju

Ir-Rapport ta' l-2005 ikkonkluda li hemm bżonn ta' aktar riformi biex jitjieb l-ambjent tan-negozju, partikularment it-tħaddim tas-sistemi amministrattivi u ġudizzjarji. Sa minn dak iż-żmien, kien hemm progress f'dawn l-oqsma li ġejjin:

Kompliet ir-riforma fir-reġistrazzjoni tan-negozju u kienet adottata l-Liġi dwar ir-Reġistru Kummerċjali f'Marzu ta' l-2006. Il-liġi tipprevedi li r-reġistrazzjoni tan-negozju tinħareġ barra mill-qrati u tinbidel fi proċedura purament amministrattiva. L-Aġenzija Nazzjonali tad-Dħul bdiet taħdem f'Jannar ta' l-2006 bir-responsabbiltà unika li tiġbor it-taxxi tal-gvern ċentrali u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali. F'Novembru ta' l-2005 kienu sottomessi lill-Parlament emendi fil-leġiżlazzjoni ta' l-insolvenza biex jittejbu l-effiċjenza, it-trasparenza u l-ħeffa tal-pro ċedura ta' l-insolvenza. Kompliet ir-reviżjoni tar-reġimi regolatorji iżda bi progress limitat. Il-Ministeru ta' l-Amministrazzjoni ta' l-Istat u r-Riforma Amministrattiva li twaqqaf m'ilux g ħandu l-inkarigu li jikoordina r-reviżjoni u l-ottimizzazzjoni tar-reġimi regolatorji eżistenti u biex jagħti gwida fuq it-titjib tal-metodoloġija tal-valutazzjonijiet ta' l-impatt. Kienu proposti miżuri biex jottimizzaw id-daqs u l-istruttura ta' l-amministrazzjoni pubblika, biex jittejjeb it-ta

ħriġ u tkun promossa l-provvista tas-servizzi elettroniċi tal-gvern. Il-Kodiċi ta' Proċedura Amministrattiva l-ġdid kien adottat f'Marzu ta' l-2006. Wara l-adozzjoni tal-Liġi dwar l-Arbitraġġ, infetħu tliet ċentri ta' arbitraġġ.

Madankollu, baqa' ċerti kwistjonijiet pendenti li jridu jkunu indirizzati.

Jibqa' sfidi ewlenin biex jitjiebu l-kondizzjonijiet tad-dħul u l-ħruġ mis-suq u għall-infurzar tal-kuntratti, biex tizdied l-effiċjenza tas-sistema amministrattiva u legali, u biex jitnaqqas il-piż regolatorju fuq in-negozju. Ir-Reġistru Kummerċjali l-ġdid għad għandu bżonn li jkun implimentat bis-sħiħ biex jissimplifika u jħaffef ir-reġistrazzjoni tan-negozju. L-emendi proposti fil-leġiżlazzjoni dwar l-insolvenza għadhom ma ġewx adottati mill-Parlament. Hemm bżonn ta' sforzi ġodda biex jinkiseb aktar progress tanġibbli fit-tħaffif tal-qafas regolatorju, inklużi permezz ta' valutazzjonijiet sistematiċi ta' impatt u aktar simplifikazzjoni. Hemm bżonn li titjieb aktar il-funzjoni ta' l-amministrazzjoni. Il-Kodiċi tal-Proċedura Amministrattiva ma introdużietx il-prinċipju tal-"kunsens sieket" b'mod aktar universali. Għad hemm sfidi importanti biex tizdied l-effiċjenza tal-proċeduri tal-qorti. L-abbozz il-ġdid tal-Kodiċi tal-Pro ċedura Ċivili għadu ma ġiex sottomess lill-Parlament. Il-medjazzjoni bħala proċedura ta' soluzzjoni barra l-qorti għadha mhix użata wisq. Hemm bżonn li ibdew jaħdmu l-*bailiffs* privati.

B'mod ġenerali, sar progress limitat f'dan il-qasam. Għandhom ikunu intensifikati l-isforzi biex tijieb il-funzjoni tas-sistema amministrattiva u partikularment is-sistema ġudizzjarja u jeħfief aktar il-piż regolatorju fuq in-negozju.

Flessibilità tas-suq tax-xogħol

Ir-Rapport ta' l-2005 ikkonkluda li ftit sar progress fit-titjib fil-flessibilità tas-suq tax-xogħol li, flimkien mar-riforma komprensiva tas-sistema edukattiva, se tkun kruċjali fit-trattament tat-tqabbil tal-ħiliet. Sa minn dak iż-żmien, kien hemm progress f'dawn l-oqsma li ġejjin:

F'konformità mat-tkabbir ekonomiku qawwi, l-impjiegi żdiedu bi 2% fl-2005 u r-rata tal-qgħad nizlet minn 12% fl-2004 għal 10.1% fl-2005. Ftit passi ttieħdu biex titjieb il-funzjoni tas-suq tax-xogħol. Sa minn Jannar ta' l-2006, il-kontribuzzjonijiet tal-pensjoni tnaqqsu b'6 punti per ċentwali u s-sehem imħallas mill-employer tnaqqas minn 70% għal 65%, biex għalhekk naqsu l-ispejjeż tax-xogħol mhux konnessi mal-paga u ngħataw inċentivi għall-ħolqien tax-xogħol u t-tneħħija ta' l-impjieg mis-settur informali. Il-Liġi dwar il-Promozzjoni ta' l-Impjiegi kienet emendata fi Frar ta' l-2006,li tipprovdi ċerti inċentivi finanzjarji lill-mobilità reġjonali u lit-tfittxija attiva għall-impjiegi. Bdew il-preparazzjonijiet għall-valutazzjoni ta' l-effettività tal-programmi tas-suq tax-xogħol. Fi Frar ta' l-2006 il-Kunsill tal-Ministri adotta programm tar-riforma fl-edukazzjoni sekondarja. Jaħseb għal ri-organizzazzjoni tas-sistema edukattiva sekondarja, l-introduzzjoni tal-moduli ta' taħriġ vokazzjonali qosra u eżamijiet nazzjonali standardizzati.

Madankollu, baqa' ċerti kwistjonijiet pendenti li jridu jkunu indirizzati.

Ftit li xejn sar progress fit-tneħħija tar-riġiditajiet tas-suq tax-xogħol u l-immodernizzar tal-qafas regolatorju, partikularment fir-rigward tal-ħinijiet tax-xogħol jew l-użu tal-kuntratti b'terminu fiss. L-integrazzjoni tas-*seniority bonuses* fil-paga regolari kienet ittardjata. Għadha ma ġietx adottata Strateija għall-Iżvilupp ta' Edukazzjoni Ogħla. Għad hemm bżonn li r-riformi ppjanati għas-sistema edukattiva jkunu implimentati bis-sħiħ biex titjieb il-kwalità ta' l-

edukazzjoni u biex ir-riżultati edukattivi ikunu aktar f'konformità mal-bżonnijiet tas-suq.

B'mod ġenerali, sar ftit progress fit-tkabbir tal-flessibilità tas-suq tax-xogħol. Se jkunu importanti sforzi akbar fir-riforma tas-sistema edukattiva biex jiċkien in-nuqqas ta' qbil bejn il-ħiliet.

3.1. Valutazzjoni ġenerali

Il-Bulgarija hija ekonomija tas-suq li tiffunzjona. Il-kontinwazzjoni tar-riformi kurrenti g ħandhom jippermettulha li tilqa' l-pressjoni tal-kompetizzjoni u l-forzi tas-suq fl-Unjoni fil-ġejjieni qrib. B'mod ġenerali l-Bulgarija żammet stabilità makroekonomika u riformi strutturali avvanzati.

Kompla l-progress mir-rapport ta' Ottubru 2005. Ittieħdu passi utli biex ikun solvut id-defiċit estern. Il-proċess ta' privatizzazzjoni u l-liberalizzazzjoni u r-ristrutturar ta' l-utilitajiet huma avvanzati sew. Sar xi progress addizzjonali fit-titjib ta' l-ambjent tan-negozju u fit-tnaqqis ta' l-ispejjeż tax-xogħol mhux konnessi mal-paga.

Madankollu, id-defiċit fil-kont kurrenti kiber u jeħtieġ politika kontinwa prudenti fiskali u tal-pagi. It-tisħiħ tar-riformi strutturali jeħtieġ titjib fil-funzjoni tas-sistema ġudizzjarja u aktar t ħaffif tal-piż regolatorju fuq in-negozji. Il-qafas regolatorju għas-suq tax-xogħol għandu bżonn isir aktar flessibbli.

4. IMPENJI U ĦTIĠIJIET LI JQUMU MIN-NEGOZJATI TA' L-ADEŻJONI

Daħla

Fir-rapporti ta' Ottubru 2005 il-Kummissjoni kkonkludiet li l-Bulgarija diġà kisbet grad konsiderevoli ta' osservanza ta' l-*acquis*.

F'ħafna kapitoli ta' l-acquis il-Bulgarija kienet jew lesta jew kienu qed isiru preparazzjonijiet biex ikunu riżolti l-aħħar kwistjonijiet pendenti sa' l-adeżjoni. Dan kien il-każ bil-kapitoli li ġejjin: ċaqliq tal-kapital, il-politika tal-kompetizzjoni, l-istatistika, l-għaqda ekonomika u monetarja, il-politika industrijali, l-intrapriżi ta' daqs żgħir jew medju, ix-xjenza u r-riċerka, l-edukazzjoni u t-taħriġ, il-politika dwar it-telekomunikazzjoni u l-awdjoviżiv, ir-relazzjonijiet esterni, il-politika barranija u ta' sigurtà, id-dispożizzjonijiet baġitarji ta' l-UE u l-kompetizzjoni. Għal dawn il-kapitoli kollha, il-Bulgarija hi kkunsidrata li hi suffiċjentement preparata għal integrazzjoni bla xkiel fl-UE. Din il-konklużjoni tibqa' valida. Barra minn hekk, sar aktar progress, per eżempju dwar il-kompetizzjoni, fejn il-Kummissjoni għall-Protezzjoni tal-Kompetizzjoni kompliet tibni esperjenza ta' deċiżjonijiet dwar l-anti-trust. Dawn il-kapitoli huma għalhekk mhumiex eżaminati hawnhekk.

Il-kapitoli li baqa' fihom kwistjonijiet li għandhom bżonn sforzi akbar mill-Bulgarija u, f'numru limitat ta' każijiet, azzjoni immedjata u deċiżiva sabiex tkun lesta għall-adeżjoni. Dawn il-kwistjonijiet huma eżaminati fil-kapitoli relevanti hawn taħt.

Din it-taqsima għalhekk tagħti ħarsa ġenerali lejn il-kwistjonijiet kollha li baqa' li l-Bulgarija g ħandha bżonn tindirizza sabiex tkun preparata għall-implimentazzjoni ta' l-*acquis* sa l-adeżjoni.

4.1. Kapitoli ta' l-*acquis*

4.1.1. Kapitolu 1: Iċ-ċaqliq ħieles ta' l-oġġetti

Fil-qasam li **mhuwiex armonizzat**, il-Bulgarija eżaminat il-leġiżlazzjoni tagħha biex identifikat dispożizzzjonijiet li jistgħu jiksru l-Artikoli 28 sa 30 tat-Trattat tal-KE. S'issa zewġ miżuri biss instabu mill-Bulgarija li huma inkonsistenti mal-ħtiġijiet ta' l-Artikoli 28 sa 30. Il-Ligi l-ġdida dwar il-Protezzjoni tal-Konsumatur kienet adottata f'Diċembru 2005 u l-emendi għal-Liġi tal-Kontabilità li qed ikunu ppreparati għandhom l-għan li jindirizzaw din il-kwistjoni. Emendi fil-Liġi dwar il-Monumenti Kulturali u l-Mużewijiet kienu adottati fi Frar ta' l-2006. Il-Liġi dwar il-Kontroll tas-Sustanzi Splussivi, l-Armi u l-Munizzjon kienet emendata f'April 2006. Il-proċess ta' eżaminazzjoni interna irid ikun repetut kontinwament. Baqa' li jkunu adottati l-miżuri li jippermettu l-importazzjoni tal-karozzi użati.

In-nuqqasijiet leġiżlattivi fil-qasam tax-**xiri pubbliku** qed ikunu solvuti. Il-Liġi l-ġdida dwar il-Konċessjonijiet u l-emendi fil-Liġi dwar ix-Xiri Pubbliku kienu adottati f'April 2006. Iż-żewġ li ġijiet jinkludu mekkaniżmu ta' rimedju skond il-ħtiġijiet ta' l-UE.

Wieħed jista' jgħid li sar xi titjib fil-kapaċità amministrattiva u l-iżvilupp tal-ħiliet amministrattivi. Fir-rigward tar-rimedji, il-Kummissjoni għall-Protezzjoni tal-Kompetizzjoni (CPC) issa hi inkarigata li tipproċessa l-ilmenti pendenti varati minn kull parti tal-pajjiż.

Għandhom isiru emendi fil-leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni dwar ix-xiri pubbliku bħala konsegwenza tal-liġijiet il-ġodda, u sett sħiħ ta' leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni dwar il-konċessjonijet qed titfassal biex tidħol fis-seħħ f'Ġunju ta' l-2006. Id-dispożizzjonijiet nazzjonali varji li huma inkompatibbli mad-dispożizzjonijiet il-ġodda fil-Liġijiet dwar il-Konċessjonijiet u dwar ix-Xiri Pubbliku kienu identifikati u tneħħew.

Fuq in-naħa istituzzjonali, l-Aġenzija dwar ix-Xiri Pubbliku u d-Direttorat Ekonomiku u tal-Politika Soċjali tal-Kunsill tal-Ministri tejbu kontinwament il-kapaċità amministrattiva tag ħhom. Huma previsti żidiet fin-numru ta' l-impjegati biex ikunu jistgħu jilqgħu għall-volum ġdid ta' rimedji. B'mod ġenerali, il-preparazzjonijiet huma fit-triq it-tajba f'dan il-qasam.

Konklużjoni

B'mod ġenerali l-Bulgarija issa qiegħda tissodisfa l-impenji u l-ħtiġijiet li joħorġu min-negozjati ta' l-adeżjoni fl-oqsma **mhux armonizzati** u tax-**xiri pubbliku**, bħala riżultat ta' progress sinifikanti. Madankollu għad hemm bżonn sforzi kontinwi fil-qasam mhux armonizzat. Hemm b żonn ta' sforzi biex ikun traspost u implimentat l-acquis f'dak li għandu x'jaqsma mal-punti tad-dħul ta' l-oġġetti ta' l-ikel u l-apparat mediku. Hemm bżonn li jitlestew il-preprazzjonijiet fil-qasam tax-xiri pubbliku fir-rigward tar-regoli ta' implimentazzjoni.

4.1.2. Kapitolu 2: Iċ-ċaqliq ħieles tal-persuni

Kienet żviluppata leġiżlazzjoni fil-qasam tar-rikonoxximent reċiproku tal-kwalifiki professjonali. Il-Liġi dwar l-Edukazzjoni Ogħla u l-Liġi dwar is-Saħħa kienu emendati u l-Liġi l-ġdida dwar l-Attivitajiet Veterinarji kienet adottata f'Ottubru ta' l-2005. Sar ħafna xogħol fuq l-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni dwar il-professjonijiet mediċi – mediċina, medi ċina veterinarja, dentistrija, farmaċija, il-kura ġenerali provduta mill-infermieri u l-qwiebel.

Madankollu, din il-leġiżlazzjoni għadha mhix lesta, partikularment dwar ir-rikonoxximent awtomatiku u mingħajr kondizzjonijiet u dwar il-provvista tas-servizzi bejn il-fruntieri. Il-Liġi

dwar il-Professjoni Legali kienet emendata f'Jannar ta' l-2006 biex tkun aggornata ma' l-*acquis*. Kompla t-tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva, kemm f'dak li huwa taħriġ kif ukoll f'dak li huwa aktar żvilupp ta' strutturi amministrattivi xierqa iżda dan it-tisħiħ għandu jkun rinforzat. Hemm bżonn li jiżdiedu l-preparazzjonijiet.

Konklużjoni

Sar xi progress dwar **ir-rikonoxximent reċiproku tal-kwalifiki professjonali**. Komplew il-preparazzjonijiet iżda hemm tħassib li l-Bulgarija mhix se tkun f'pożizzjoni li timplimenta bis-sħiħ l-*acquis* minn żmien l-adeżjoni jekk il-pass preżenti tal-progress ma jitħaffifx. Azzjoni ta' malajr hi meħtieġa f'dan il-qasam.

4.1.3. Kapitolu 3: Libertà tal-provvista tas-servizzi

Wasal qrib li jintemm il-proċess biex jitneħħew ir-restrizzjonijiet fuq id-**dritt tat-twaqqif u l-libertà biex jingħataw servizzi mhux finanzjarji**. Kienet adottata Liġi ġdida dwar l-Attivitajiet Veterinarji f'Ottubru ta' l-2005. Il-Liġijiet dwar it-Turiżmu u dwar il-Protezzjoni u l-Iżvilupp tal-Kultura kienu emendati f'Novembru 2005. Kienu emendati l-Liġijiet dwar il-Promozzjoni tax-Xogħol u l-Promozzjoni Soċjali fi Frar ta' l-2006. Il-Liġi dwar il-Protezzjoni tat-tfal kienet emendata f'April ta' l-2006.

Fil-qasam tat-turiżmu, minkejja li kien hemm tibdiliet leġiżlattivi, baqa' jkun hemm rapporti dwar irregolaritajiet u prezzijiet differenti, prinċipalment f'faċilitajiet turistiċi. Ċittadini mhux ta' l-UE qed ikunu furzati wkoll li jixtru assikurazzjoni tas-saħħa fuq il-fruntiera. L-awtoritajiet Bulgari għandhom isibu modi kif jinfurzaw id-dispożizzjonijiet mhux diskriminatorji l-ġodda fil-Liġi dwar it-Turiżmu u leġiżlazzjoni oħra. Il-preparazzjonijiet huma avvanzati fir-rigward tad-dritt tat-twaqqif u l-libertà biex jingħataw servizzi mhux finanzjarji, bl-eċċezzjoni fil-qasam tat-turiżmu.

Il-Bulgarija għamlet sforxi biex taġġorna il-leġiżlazzjoni **bankarja**, iżda hemm bżonn li titlesta l-leġiżlazzjoni sekondarja. Hemm ħtieġa ta' sforzi akbar għat-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni tal-ħtiġijiet tad-direttiva dwar il-kapital, li hi ġdida u aktar strinġenti, sabiex ikun hemm żmien suffiċjenti għall-banek u l-aġjendi ta' l-investiment biex jagħmlu l-adattamenti neċessarji. Jibqa' l-bżonn li tkun żgurata l-konsistenza biex tippermetti s-superviżjoni koerenti tal-banek u l-aġjendi ta' investiment. Hemm bżonn li l-preparazzjonijiet ikunu aċċellerati.

Il-Kodiċi l-ġdid dwar **l-assigurazzjoni** kien adottat f'Diċembru ta' l-2005. Il-Bulgarija fasslet pjan ta' azzjoni biex tiġġieled sewqan mhux assigurat, li fih miżuri sostanzjali (emendi fil-leġi żlazzjoni, kampanja nazzjonali dwar l-importanza ta' l-assigurazzjoni tal-vettura b'responsabbiltà tal-parti terza, aktar iċċekkjar tal-pulizija, eċċ.). Għaddej ix-xogħol biex titnaddaf id-*database* tar-reġistrazzjoni u jitneħħew minn fuq ir-reġistru vetturi li mhumiex jintu żaw li hu stmat li hu mas-26% tal-flotta tal-vetturi.

Madankollu, hemm bżonn li jkun kwantifikat l-impatt ta' dawn il-miżuri kontra vetturi mhux assigurati u għad hemm bżonn li tissaħħaħ il-kapaċità tal-Fond Bulgaru ta' Garanzija sabiex tippermetti lill-Bulgarija tiffirma ftehim multilaterali u l-Kummissjoni tieħu d-deċiżjoni tagħha dwar it-tneħħija ta' l-iċċekkjar taċ-ċertifikati ta' l-assigurazzjoni fuq il-fruntiera. Hemm bżonn li jkunu aċċellerati l-preparazzjonijiet fil-qasam ta' l-assigurazzjoni bħala materja urġenti.

Fil-każ tas-**servizzi ta' l-investiment** u s-**suq tas-sigurtajiet**, il-Bulgaria għadha għaddejja bil-

preparazzjonijiet tagħha għat-traspożizzjoni tad-direttivi pendenti. L-iskeda li timmira li jkun hemm l-adozzjoni finali ta' l-atti relevanti fil-Ħarifa ta' l-2006 tidher raġonevoli, iżda hemm b żonn li tkun rispettata kif inhu xieraq. Hemm bżonn li jissaħħu l-preparazzjonijiet dwar is-servizzi ta' investiment u s-suq tas-sigurtajiet.

It-traspożizzjoni ta' l-*acquis* dwar **is-soċjetà informatika** għandha titlesta. Hemm bżonn li jit ħaffew il-preparazzjonijiet f'dan il-qasam.

Fir-rigward tal-**protezzjoni tad-data personali**, il-leġiżlazzjoni tal-Bulgarija għandha mhix konformi ma' l-acquis, minkejja li kienu introdotti l-emendi f'Diċembru ta' l-2005. Nuqqasijiet g ħadhom jaffettwaw numru ta' kwistjonijiet sinifikanti bħalma huma l-ambitu tal-leġiżlazzjoni, l-applikabilità tal-liġi nazzjonali, il-prinċipju tal-kwalità tad-*data*, il-bażi legali għall-ipproċessar, *data* dwar kundanni kriminali, informazzjoni lis-soġġett tad-*data*, l-ambitu tad-derogi, sistema ta' notifika u iċċekkjar minn qabel mill-awtorità, trasferimenti tad-*data* lill-pajjiżi terzi. Minkejja li ttieħdu passi fid-direzzjoni t-tajba, il-kapaċità amministrattiva tal-Kummissjoni dwar il-Protezzjoni tad-*Data* għadha dgħajfa. L-indipendenza baġitarja tagħha mhix garantita, inqatgħu fondi fil-baġit ta' l-2006, u m'għandhiex numru suffiċjenti ta' impjegati. It-tħaddim tar-re ġistrazzjoni u l-iskema tan-notifika għadha mhix sodisfaċenti. Livell tagħha ta' l-attività hi kemmxejn baxxa, bit-trattament ta' l-ilmenti jibqa' insuffiċjenti, kif inhu ir-rekord ta' infurzar b'mod ġenerali. Hemm bżonn li l-preparazzjonijiet leġiżlattivi jkunu aċċellerati b'mod konsiderevoli f'dan il-qasam.

Il-Bulgarija għadha mhix f'pożizzjoni biex tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa ta' l-acquis f'dan il-qasam tal-protezzjoni tad-*data* pesonali (*ara wkoll il-Kapitolu 24 – Ġustizzja u affarijiet interni).*

Konklużjoni

Sar progress sinifikanti **fid-dritt tat-twaqqif u l-libertà biex tipprovdi servizzi mhux finanzjarji.** B'mod ġenerali issa l-Bulgarija qiegħda tissodisfa l-impenji u l-ħtiġijiet li joħorġu min-negozjati ta' l-adeżjoni. Qed ikomplu l-preparazzjonijiet u l-Bulgarija hi mistennija li tkun f'pożizzjoni li timplimenta l-acquis minn żmien l-adeżjoni jekk jinżamm il-pass preżenti ta' progress.

Sar progress fil-qasam tas-servizzi finanzjarji, l-aktar dwar l-**affarijiet bankarji** u l-**assigurazzjoni**, iżda għad hemm bżonn ta' aktar sforzi sabiex jitlestew il-preparazzjonijiet għall-adeżjoni fl-oqsma ta' l-**affarijiet bankarji** (il-ħtiġijiet tad-Direttiva dwar il-kapital għall-ażjendi ta' investiment), **is-servizzi ta' l-investiment u s-suq tas-sigurtajiet** u **l-protezzjoni tad-*data* personali.** Barra minn hekk, hemm bżonn ta' aktar sforzi favur l-**assigurazzjoni** tal-vetturi bil-mutur u favur is-**soċjetà informatika**. Jinħtieġu aktar sforzi f'dawn il-oqsma.

4.1.4. Kapitolu 4: Iċ-ċaqliq ħieles tal-kapital

Il-leġizlazzjoni Bulgara dwar **il-ħasil tal-flus** hi b'mod ġenerali skond l-*acquis*. Jistgħu jkunu rappurtati żviluppi pożittivi dwar it-tweġibiet għal talbiet internazzjonali għal kooperazzjoni u dwar operazzjonijiet li jimmiraw attivitajiet suspettużi ta' ħasil ta' flus minn ċittadini barranin. L-Aġenzija dwar l-Intelliġenza Finanzjarja qed tiffunzjona b'mod adegwat u professjonali bħala l-organu amministrattiv li janalizza rapporti ta' transazzjonijiet suspettużi (STRs).

Jibqgħu nuqqasijiet fil-Liġi dwar il-Miżuri kontra l-Ħasil tal-Flus li għadhom ma jirriflettux bis-

sħiħ il-ħtiġijiet tat-tieni Direttiva ta' l-UE kontra l-Ħasil tal-Flus. Barra minn hekk, il-leġi żlazzjoni għandha bżonn taqbel mar-rakkomandazzjonijiet riveduti tat-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja dwar hasil ta' flus u iffinanzjar ta' flus. Implimentazzjoni effettiva tal-leġiżlazzjoni tibqa' limitata ħafna. Għandu jittejjeb l-għarfien ta' l-obbligi ta' irrapurtar fost entitajiet li jirrapurtaw, irrapurtar ta' transazzjonijiet suspettużi (STRs) u superviżjoni ta' entitajiet li jirrapurtaw, partikularment barra is-settur finanzjarju.

In-nuqqas ewlieni f'dan il-qasam jibqa' prinċipalment l-assenza ta' riżultati tanġibbli f'termini ta' infurzar u prosekuzzjoni ta' każijiet ta' ħasil ta' flus *(ara l-Kapitolu 24 – Ġustizzja u affarijiet interni)*. Jeħtieg li jiżdiedu l-preparazzjonijiet f'dan il-qasam.

Konklużjoni

Il-progress f'dan il-qasam tal-ħasil tal-flus baqa' limitat f'termini ta' implimentazzjoni effettiva u infurzar. Issa hemm bżonn ta' aktar sforzi u azzjoni ta' malajr fil-qasam tal-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus sabiex jintgħelbu n-nuqqasijiet sa l-adeżjoni. Dan jikkonċerna b'mod partikulari l-oqsma ta' l-għarfien u r-rappurtar ta' trasazzjonijiet suspettużi billi jkunu rrapurtati l-entitajiet, u s-superviżjoni ta' l-entitajiet li jirrapurtaw.

4.1.5. Kapitolu 5: Il-liġi tal-kumpaniji

Fir-rigward tal-**protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u industrijali**, kien hemm żviluppi pożittivi, partikolarment fil-kooperazzjoni inter-istituzzjonali, f'infurzar koordinat u fil-qafas leġiżlattiv. Dan it-tijib huwa ir-riżultat ta' pjan t'azzjoni nazzjonali għall-2005-2006 fil-qasam tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u industrijali (IPR).

Il-Liġi dwar it-Trasportatraturi Ottiċi kienet adottata f'Settembru ta' l-2005 bħala arma fil-ġlieda kontra l-piraterija. Il-pjan ta' azzjoni għandu l-għan li jitjiebu l-istrutturi amministrattivi u l-infurzar ta' l-IPR. Ko-operazzjoni aħjar bejn l-aġenziji ta' l-IPR u awtoritajiet ta' l-infurzar tal-liġi, għarfien u taħriġ huma rikonoxxuti bħala fatturi ewlenin u saru sorzi biex titjieb il-komunikazzjoni bejn l-istituzzjonijiet.

Leġiżlazzjoni dwar il-brevetti u miżuri oħra pendenti (emendi fil-Liġi dwar it-Trade Marks u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi u l-Liġi dwar it-Tfassil Industrijali) għad iridu jkunu aġġornati ma' l-acquis fil-qasam tal-proprjetà industrijali.

Hemm bżonn ta' aktar titjib fl-infurzar ta' l-IPR. Il-kriminalità relatata ma' l-IPR baqgħet theddida u tippreżenta sfida reali. Issa l-Bulgarija għandha tikkonverti l-pjanijiet f'aktar azzjoni u tipproduċi riżultati konkreti u tanġibbli. Huma meħtieġa kooperazzjoni eqreb, għarfien akbar, aktar impjegati fil-postijiet kritiċi fil-pajjiż u aktar taħriġ. Għandha tkun żviluppata aktar il-komunikazzjoni bejn l-istuzzjonijiet u bejn l-istituzzjonijiet u organizzazzjonijiet tad-detenturi tad-drittijiet.

Għandhom jizdiedu l-preparazzjonijiet għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u industrijali.

Konklużjoni

Sar progress sinifikanti fil-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u industrijali, iżda hemm bżonn ta' aktar passi sabiex jitlestew il-preparazzjonijiet għall-adeżjoni. Aktar sforzi u azzjoni ta' malajr jinħtieġu issa f'dan il-qasam biex jissolvew f'waqthom in-nuqqasijiet, qabel l-

adeżjoni.

4.1.6. Kapitolu 7: Agrikoltura

Kwistjonijiet orizzzontali

Leġiżlazzjoni biex titwaqqaf **Aġenzija tal-Ħlas** (PA) għall-amministrazzjoni ta' l-appoġġ nazzjonali u ta' l-UE liż-żoni agrikoli u rurali, lill-foresterija u s-sajd u dwar id-deċiżjonijiet strateġiċi kienet adottata mill-Parlament fi Frar ta' l-2006, fil-forma ta' emenda fil-Liġi dwar l-Appoġġ lill-Bdiewa. Kwistjonijiet kritiċi kienu fomalizzati, bħalma hija l-għażla biex tkun applikata l-Iskema ta' Ħlas f'Żona Unika (SAPS), biex ikun deċiż id-daqs minimu ta' l-ishma agrikoli eliġibbli, il-ħlasijiet diretti nazzjonali komplimentari u l-baġit xieraq.

L-iżvilupp tas-sistema ta' l-IT biex titħaddem il-PA u t-taħriġ u l-impjieg ta' l-impjegati g ħadhom ma tlestewx. Hemm bżonn li jiżdiedu l-preparazzjonijiet.

Il-pjan ewlieni oriġinali biex titwaqqaf l-**Amministrazzjoni Integrata u s-Sistema tal-Kontroll** (IACS) kien aġġornat biex jirrifletti d-dewmien fl-implimentazzjoni tiegħu. Biex titwaqqaf is-Sistema ta' Identifikazzjoni tal-Pakketti ta' l-Art (LPIS), il-Bulgarija iddeċidiet li tuża ritratti bis-satellita arkivjati flimkien ma' ritratti ta' l-arti meħudin mill-ajru; kuntratti għall-provvista tad-data kollha kienu konklużi iżda l-iskeda taż-żmien hi ssikkata. Ritratti ta' l-arti di ġitali u ritratti bis-satellita li jistgħu jintużaw jeżistu għal madwar 25% tat-territorju. Id-di ġitizzazzjoni tal-blokki tal-LPIS saret għal madwar 17% taż-żona. Għadu kif beda ix-xogħol biex jitwaqqaf *link* bejn il-bdiewa u l-blokki tal-LPIS, meħtieġa biex ifornu lill-bdiewa materjal grafiku li jindika l-fruntieri tal-pakketti ta' referenza, in-numru ta' identifikazzjoni uniku u ż-żona tagħhom. Sar ħafna mix-xogħol dwar l-adozzjoni u l-installazzjoni tas-softwer il-ġdid iżda ma kienx soġġett għall-ittestjar finali. Xogħol ieħor bażiku, bħalma huma l-pre-reġistrazzjoni tal-bdiewa, kontrolli fuq il-post u taħriġ ta' l-impjegati kien aċċellerat. Għad hemm bżonn ta' azzjoni urġenti.

Dwar il-**mekkaniżmi kummerċjali**, koordinazzjoni formali kienet stabbilita bejn l-organi kollha involuti (il-Fond Statali għall-Agrikoltura, is-Servizz tad-dwana, is-Servizz Veterinarju Nazzjonali u s-Servizz Fito-Sanitarju). B'mod ġenerali, il-preparazzjonijiet mexjin tajjeb iżda g ħad hemm bżonn ta' sforzi ġaladarba għarfien operattiv u dettaljat dwar mekkaniżmi kummer ċjali għadu b'mod ġenerali nieqes.

Organizzazzjonijiet tas-suq komuni (CMOs)

B'mod ġenerali l-istruttura amministrattiva effettiva qed titwaqqaf għall-infurzar ta' dawn l-organizzazzjonijiet tas-suq kollha, fil-forma ta' l-impjieg ta' aktar impjegati, taħriġ xieraq u definizzjoni ċara tal-proċeduri.

Fil-każ ta' l-**inbid**, it-twaqqif tar-reġistru tad-dwieli għadu ma tlestiex.

Leġiżlazzjoni addizzjonali li timplimenta ma kienetx adottata għal ċerti mekkaniżmi tas-suq, partikularment kontrolli u ċertifikazzjoni. Hemm bżonn li jitħaffu l-preparazzjonijiet f'dan is-settur.

Kienet adottata l-leġiżlazzjoni li tinforza s-CMO għall-**ħalib** u ttieħdu miżuri biex tidħol fis-seħ ħ il-kwota tal-ħalib kif ukoll ħafna mill-mekkaniżmi għall-organizzazzjoni tas-suq komuni għall-ħalib u l-prodotti tal-ħalib. Id-*database* li tinkludi r-reġistru tal-kwota bażika kienet finalizzata

u tkopri l-produttur u l-bejjiegħa diretti; qed tkun ippreparata allokazzjoni tal-kwota individwali indikattiva. Il-proċess ta' l-approvazzjoni tax-xerrejja mixja sew.

Regoli dettaljati għall-ġestjoni tal-kwoti tal-ħalib u tar-riżerva nazzjonali għad irid ikunu adottati. Il-bordijiet nazzjonali u reġjonali tal-ħalib mhumiex jaħdmu bis-sħiħ lanqas il-laboratorji indipendenti għall-analiżi tal-kontenut tax-xaħam fil-fabbriki kollha individwali tal-ħalib. Il-laboratorji la huma installati u lanqas akkreditati. Hemm bżonn li l-preparazzjonijiet ikunu aċċellerati.

Fil-qasam tal-**frott u l-ħaxix**, sar progress fl-implimentazzjoni tal-kontroll tal-kwalità tal-prodotti friski u l-istandards tal-marketing. Sar ukoll progress fir-rigward ta' l-istruttura amministrattiva għall-għarfien tal-produttur.

Fir-rigward tal-klassifikazzjoni tal-karkass taċ-**ċanga**, il-leġiżlazzjoni Bulgara kienet armonizzata kollha iżda għadha ma daħlitx fis-seħħ fil-preżenti. Sabiex tkun implimentata b'mod xieraq il-klassifikazzjoni sa l-adeżjoni, it-taħriġ tal-klassifikaturi fil-biċċerija hemm b żonn ikun aċċellerat.

Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitrji, inklużi s-sikurezza ta' l-ikel

Bl-adozzjoni tal-Liġi dwar il-Qafas Veterinarju (VFL) il-Bulgarija stabbiliet il-bażi biex tittrasponi fil-leġiżlazzjoni nazzjonali l-*acquis* li jikkonċerna s-saħħa ta' l-annimali, il-kura ta' l-annimali, is-saħħa pubblika veterinarja u l-istrumenti ta' kontroll veterinarju orizzontali. Il-VFL daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2006.

Xi partijiet tal-leġiżlazzjoni sekondarja jew emendi fil-leġiżlazzjoni eżistenti li jiżguraw osservanza sħiħa ta' l-acquis fis-settur veterinarju wara l-iċċekkjar korrispondenti neċessarju g ħadhom ma ġewx adottati. Anke l-adozzjoni parlamentari ta' l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Pjanti għadha pendenti. Hemm bżonn li jiżdiedu l-preparazzjonijiet.

Il-leġizlazzjoni dwar **enċefalopatija spongiformi trasmettibli (TSE) u l-prodotti sekondarji ta' l-annimali** kienet trasposta. Il-projbizzjoni ta' l-għalf ta' ċerti proteini proċessati ta' l-annimali lill-annimali tar-razzett daħlet fis-seħħ sa minn Jannar ta' l-2006.

Dwar is-sorvlejanza tat-TSE, partikolarment dwar il-ġbir, it-trattament u l-ittestjar ta' l-annimali maqtulin, il-Bulgarija ppreżentat pjan nazzjonali ta' ġbir. Dan il-pjan għandu bżonn ta' titjib. L-osservanza tal-ħtiġijiet ta' l-UE fir-rigward ta' wieħed miż-żewġ impjanti li jipproduċu, bbażati f'Varna, għandhom ma ntwerewx. Il-qerda skond l-*acquis* tal-prodott ta' l-ipproċessar (dħin ta' laħam u għadam) bl-inċineratur f'impjant tas-siment intweriet. Il-qerda tad-dħin tal-laħam u l-għadam f'stokkijiet partikulari, li hi kontiwa f'dak l-impjant tas-siment, għandha tkun garantita. Hemm bżonn ukoll ta' azzjoni urġenti fir-rigward tal-bini ta' parti ta' l-ipproċessar fin-nofsinhar tal-Bulgarija.

It-traspożizzjoni tal-prinċipji tal-leġiżlazzjoni dwar is-**sistema tal-kontroll veterinarju fis-suq intern** hi koperta bil-VFL.

Il-leġiżlazzjoni sekondarja bil-ħsieb li tingħaqad max-xibka TRACES li tgħaqqad flimkien l-awtoritajiet veterinarji (is-suċċessur ta' l-ANIMO) għadha ma ġietx adottata u infurzata. Hemm bżonn li jiżdiedu l-preparazzjonijiet.

Il-leġiżlazzjoni li tittrasponi l-*acquis* dwar **l-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' l-annimali**

hi fis-seħħ għall-ispeċi relevanti kollha kif ukoll għall-kwistjonijiet ta’ sanzjonijiet u kontroll. Twaqqfet database ta’ identifikazzjoni u reġistrazzjoni ta' bovini. Is-sitema qiegħda tkun aġ ġornata u mtejba biex tinkludi speċi oħrajn.

Għad irid jintwera t-tħaddim fuq l-internet tad-databas għall-ispeċi kollha. Hemm bżonn li ji żdiedu l-preparazzjonijiet.

L-acquis dwar il-**finanzjament ta’ l-ispezzjonijiet u kontrolli veterinarji** kien traspost. Il-preparazzjonijiet mexjin tajjeb.

Il-leġiżlazzjoni dwar l-iċċekkjar veterinarju dwar l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi u r-regoli dwar l-importazzjonijiet kienet trasposta. Wieħed mill-postijiet ta’ l-ispezzjoni veterinarja fuq il-fruntiera fit-tul (Kapitan Andreeovo fuq il-fruntieri fuq l-art tat-Turkija) qed jitħaddem, iżda g ħad hemm bżonn xi adattamenti. Bdew ix-xogħlijiet u t-tagħmir biex jitwaqqfu oħrajn kien kontratt.

L-infrastruttura neċessarja għall-postijiet ta’ spezzjoni veterinarja fuq il-fruntiera fit-tul fuq il-fruntieri esterni futuri ta’ l-UE fil-Bulgarija għadhom ma ġewx stabbiliti u lanqas ma kienu infurzati l-proċeduri ta’ spezzjoni u l-kondizzjonijiet ta’ importazzjonijiet għalissa. Hemm b żonn li jiżdiedu l-preparazzjonijiet b’mod konsiderevoli.

Il-Liġi dwar il-Qafas Veterinarju jipprovdi bażi legali għat-twaqqif ta' fond għas-saħħa ta' l-annimali għall-**infiq fil-qasam veterinarju.**

Il-miżuri ġenerali dwar il-kontroll tal-mard ta’ l-annimali (il-projbizzjoni tat-tilqim u ċerti mi żuri ta’ tneħħija) kienet trasposta fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-Bulgarija.

Dwar il-kontroll tal-mard, għad irid jitwaqqaf fond ta' emerġenza fis-saħħa ta' l-annimali. Fil-ka ż tal-kontroll tad-deni klassiku tal-ħnieżer, it-trasizzjoni minn pajjiż li jlaqqam għal pajjiż li ma jlaqqamx għadha ma ġietx ġestita kompletament. Il-prattika qiegħda issa tiffoka fuq it-tfittxija ta’ viri potenzjali li jiċċirkolaw fl-għalqa ġaladarba it-tilqim tal-tal-ħnieżer domestiċi waqfet fl-2005. Qabel ma l-Bulgarija tista’ tkun verament meqjusa bħala pajjiż li ma jlaqqamx fir-rigward tal-ħnieżer domestiċi, il-preparazzjonijiet għandhom bżonn jiżdiedu.

Il-leġiżlazzjoni dwar kummerċ ta’ annimali ħajjin u prodotti ta’ l-annimali kienet trasposta. Il-preparazzjonijiet huma fit-triq it-tajba f’dan il-qasam.

Barra minn hekk, il-Liġi dwar il-Qafas Veterinarju jipprovdi l-bażi legali biex jinforza il-leġi żlazzjoni dwar is-**saħħa pubblika** veterinarja fl-istabbilimenti. Allineament mal-pakkett il-ġdid ta’ iġjene ta’ l-UE u it-titjib ta’ l-istabbilimenti qed ikomplu. Fir-rigward tal-kwalità tal-ħalib mhux ipproċessat u s-sistemi ta’ kontroll tiegħu, kienet adottata strateġija għall-ġestjoni tal-perjodu ta' transizzjoni.

Madankollu, għadu ma ntweriex li l-proċess ta’ titjib li jikkonċerna l-istabbilimenti tlesta. Hemm bżonn li jiżdiedu l-preparazzjonijiet.

Fir-rigward ta’ l-infurzar ta’ l-acquis li jikkonċerna l-**miżuri komuni** (inklużi ż-**żoonożi**), il-Bulgarija identifikat il-bżonnijiet tagħha ta’ titjib u qiegħda taħdem fuq l-eliminazzjoni tad-defi ċjenzi.

Għal dak li għandu x’jaqsam mas-saħħa pubblika veterinarja, l-infurzar tal-kontrolli tar-residwi,

il-prodotti mediċinali veterinarji, il-kontaminanti u ż-żoonożi għadha ma ġietx verifikata, partikolarment fir-rigward tal-metodi dijanostiċi u l-istandards applikati fil-laboratorji. Hemm b żonn li l-preparazzjonijiet ikunu aċċellerati.

Bdiet l-implimentazzjoni u l-infurzar tar-regoli dwar il-**kura ta' l-annimali** fuq il-livell tar-razzett waqt it-trasport u l-qatla, akkumpanjata minn taħriġ dwar l-applikazzjoni tal-leġi żlazzjoni l-ġdida.

In-normi u l-istandards ta' l-UE dwar il-kura ta' l-annimali għadhom ma ġewx infurzati. Hemm bżonn li jiżdiedu l-preparazzjonijiet.

Konklużjoni

Sar progress fuq xi **CMOs.** B'mod ġenerali issa l-Bulgarija qiegħda tissodisfa l-impenji u l-ħti ġijiet li jqumu min-negozjati ta' l-adeżjoni f'dan il-qasam.

Sar progress kbir wkoll fuq l-**Aġenzija li Tħallas** iżda għad hemm bżonn ta' aktar passi sabiex jistlestew il-preparazzjonijiet għall-adeżjoni. Dan il-qasam għandu bżonn aktar sforzi u azzjoni ta' malajr sabiex jissolvew in-nuqqasijiet fil-ħin qabel l-adeżjoni. Kien notat ukoll xi progress fil-qasam tal-mekkaniżmi kummerċjali u s-CMOs għall-**inbid u l-alkoħol**, u għall-**ħalib u l-la ħam taċ-ċanga.** Kien reġistrat progress fir-rigward tat-trapożizzjoni sħiħa ta' l-*acquis* fis-**settur veterinarju**, it-tlestija tax-xogħol dwar **il-kontroll tal-mard ta' l-annimali** (id-deni klassiku tal-ħnieżer u l-fond ta' emerġenza tas-saħħa ta' l-annimali), **is-sistemi ta' kontroll veterinarju fis-suq intern** (it-twaqqif tal-postijiet kollha ta' spezzjoni fuq il-fruntiera fit-tul), **kummerċ fl-annimali ħajjin u prodotti ta' l-annimali**, **il-mekkaniżmi kummerċjali** u l-**kura ta' l-annimali**, u t-tlestija tax-xogħol fuq **is-saħħa pubblika veterinarja** bit-titjib ta' l-istabbilimenti. Sar progress ukoll bil-kapaċità tal-kampjun u l-ittestjar għall-infurzar tal-**miżuri komuni** (inklużi **ż-żoonożi**) fil-qasam veterinarju. Aktar sforzi u azzjoni ta' malajr jinħtieġu issa f'dawn il-oqasma biex jissolvew in-nuqqasijiet fil-ħin, qabel l-adeżjoni.

Sar progress limitat dwar il-**IACS**, speċjalment fir-rigward is-sistema ta' Identifikazzjoni tal-Pakketti fuq l-Art (LPIS), u **t-TSEs u l-prodotti sekondarji ta' l-annimali**, inkluż fir-rigward tat-titjib ta' l-impjanti ta' l-ipproċessar. Dawn l-oqsma għadhom iqajmu tħassib serju. Il-Bulgarija għandha tieħu azzjoni immedjata u deċiżiva issa sabiex tkun lesta sad-data ta' l-ade żjoni.

4.1.7. Kapitolu 8: Sajd

Fil-qasam tal-ġestjoni tar-riżorsi u l-flotta, l-ispezzjoni u l-kontroll, l-Att Bulgaru dwar is-Sajd u l-Akwakultura ta' l-2001 kien emendat f'Novembru 2005 biex jipprovdi bażi legali biex jiggarantixxi liċenzji tas-sajd, azzjoni strutturali u organizzazzjoni tas-suq ukoll, inklużi sistema ta' monitoraġġ tal-bċejjeċ tal-baħar u l-għarfien tal-gruppi tal-produtturi. L-Aġenzija Nazzjonali dwar is-Sajd u l-Akwakultura (NAFA) hi inkarigata li żżomm u tirraporta dwar ir-Registru tal-Flotta tas-Sajd.

Id-data tat-test għadha ma ġietx trażmessa lir-reġistru tal-Flotta tas-Sajd ta' l-UE fil-format xieraq. L-installazzjoni tas-Sistema ta' Monitoraġġ tal-Bċejjeċ tal-Baħar tas-Sajd għadha mhix lesta, speċifikament minħabba t-titjib ta' sistema bbażata fuq is-satellita. Bl-istess mod, id-*data* tar-rappurtar tar-reġistrazzjoni tal-qbid mil-logbooks, dikjarazzjonijiet tal-ħatt u notamenti tal-bejgħ ta' dik id-*data* għadhom ma tjiebux biżżejjed. Hemm bżonn li l-preparazzjonijiet ikunu aċ

ċellerati.

Fil-qasam ta' **l-azzjoni strutturali**, ir-regoli u l-proċeduri għall-użu u l-implimentazzjoni tal-mi żuri strutturali qed jitfasslu, flimkien mat-twaqqif ta' l-Aġenzija li Tħallas għall-agrikoltura (*Kapitolu 7: Agrikoltura*). Hemm bżonn li jiżdiedu l-preparazzjonijiet.

Fir-rigward tal-politika tas-suq, twaqqfet unità ta' organizzazzjoni tas-suq fin-NAFA fi tmiem l-2005.

Ma kienet adottata l-ebda leġiżlazzjoni oħra ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi l-infrastruttura tas-suq bl-imnut (l-organizzazzjonijiet tal-produtturi, aġenzija ta' intervent u sistema ta' informazzjoni). Ma kienet stabbilita l-ebda sistema ta' reġistrazzjoni ta' ġbir ta' *data* dwar il-qbid u konsegwentement kontro-iċċekkjar għadhom mhumiex possibbli. Hemm bżonn li jiżdiedu l-preparazzjonijiet.

Konklużjoni

Sar progress fuq il-ġestjoni tar-riżorsi u l-flotta, l-ispezzjoni u l-kontroll, l-azzjoni strutturali u l-politika tas-suq. Madankollu, ir-riżultati baqgħu limitati. Il-Bulgarija għandha bżonn tagħmel aktar sforzi u tieħu azzjoni malajr bil-ħsieb li tipprepara għall-ġestjoni tal-fond strutturali għas-settur tas-sajd, tlesti s-Sistema tal-Monitoraġġ tal-Bċejjeċ tas-Sajd, tadotta ul-leġiżlazzjoni u tistabbilixxi sistema għad-data tar-reġistrazzjoni tal-ġbir tad-*data* dwar il-qbid.

4.1.8. Kapitolu 9: Il-politika dwar it-trasport

Fil-qasam tat-**trasport bl-ajru**, saru sforzi sinifikanti u ħafna mil-leġiżlazzjoni relevanti kienet trasposta u ġeneralment taqbel ma' l-acquis. Il-Bulgarija tat bidu għall-ftehim ġenerali tat-trasport bl-ajru u l-Ftehim dwar iż-Żona Komuni Ewropea ta' l-Avjazzjoni, u l-applikazzjoni proviżorju taż-żewġ ftehimiet hi maħsuba li sseħħ fil-jum tal-firma.

Il-politika relevanti, l-aktar dwar is-sikurezza u s-sigurtà, għad irid ikunu implimentati kompletament sa l-adeżjoni. B'mod ġenerali l-preparazzjonijiet huma fit-triq it-tajba f'dan il-qasam.

Il-qafas tal-leġiżlazzjoni dwar it-**trasport marittimu** kien traspost skond l-acquis. Is-sitwazzjoni li tirrigwarda l-funzjonijiet tal-kontroll tal-port statali qiegħda titjieb, notevolment fit-tnaqqis tar-rata ta' detenzjoni.

L-indipendenza ta' l-Amministrazzjoni Marittima Bulgara għall-kontroll statali tal-bandiera g ħadha mhix żgurata kompletament ġaladarba Navybulgar, bħala entità kkontrollata, tibqa' kumpanija f'idejn l-istat. Hemm bżonn li jitħaffu il-preparazzjonijiet f'dan is-settur.

Konklużjoni

Sar progress sinifikanti fil-qasam tal-leġiżlazzjoni dwar it-trasport bl-ajru fejn issa l-Bulgarija b'mod ġenerali qiegħda tissodisfa l-impenji u l-ħtiġijiet li jqumu min-negozjati ta' l-adeżjoni f'dawn l-oqsma. Il-leġiżlazzjoni qiegħda tkun implimentata u l-ħtiġijiet għandhom ikunu sodisfatti sal-adeżjoni jekk il-pass preżenti tal-preparazzjonijiet jinżamm.

Sar progress fil-qasam tat-**trasport marittimu.** Madankollu, l-istandards għadhom lura mill-medja fl-Unjoni Ewropea. Issa hemm bżonn ta' aktar sforzi u azzjoni ta' malajr sabiex jissolvew in-nuqqasijiet fil-ħin, qabel l-adeżjoni, partikularment billi tkun żgurata l-indipendenza ta' l-Amministrazzjoni Marittima Bulgara bħala organu ta' spezzjoni.

4.1.9. Kapitolu 10: Tassazzjoni

Il-Liġi dwar id-**Dazju tas-Sisa** u t-Taxxa ta' l-Imħażen kienet adottata f'Novembru 2005. Partikolarment, il-liġi tipprovdi għat-trasferiment tar-responsabbiltà ta' l-amministrazzjoni tad-dazji tas-sisa mill-amministrazzjoni tat-taxxa għall-amministrazzjoni tad-dwana. L-istess liġi fiha wkoll dispożizzjonijiet dwar is-sistema ta' l-imħażen ta' merkanzija li ma tħallas taxxa, u dwar iż-żamma, iċ-ċaqliq u l-monitoraġġ ta' prodotti li jħallsu dazju tas-sisa skond l-arranġamenti tas-sospensjoni tad-dmir. Il-Liġi dwar id-Dazji tas-Sisa kienet emendata f'Diċembru ta' l-2005 bil-ħsieb li jiżdiedu ir-rati tad-dazju tas-sisa skond il-kalendarju maqbul ta' approssimazzjoni. Il-preparazzjonijiet sejrin tajjeb ħafna fil-qasam tad-dazji tas-sisa.

Fil-qasam tal-**VAT**, leġiżlazzjoni li kienet ippjanata għal tmiem l-2005 għadha ma ġietx adottata. Fil-qasam tat-**tassazzjoni diretta**, l-abbozz ta' l-Att dwar it-Taxxa Ażjendali u tad-Dħul għadu ma kienx adottat. Hemm bżonn li jiżdiedu l-preparazzjonijiet.

Fil-qasam tal-kooperazzjoni amministrattiva u l-assistenza reċiproka, sar ħafna progress. L-Aġenzija Nazjonali dwar id-Dħul (NRA) bdiet taħdem f'Jannar ta' l-2006 hekk kif daħal fis-seħħ l-Kodiċi l-ġdid ta' proċeduri dwar it-taxxa u s-sigurtà soċjali. In-NRA ġabet flimkien il-ġbir u s-servizz kemm tat-taxxi tal-gvern ċentrali (bħalma huma l-VAT u t-taxxi ażjendali) u kif ukoll l-kontribuzzjonijiet obbligatorji tas-sigurtà soċjali (bħalma hi l-assigurazzjoni fuq is-saħħa). Ir-riforma li għaddejja bħalissa tas-settur, partikularment it-trasformazzjoni b'suċċess ta' l-amministrazzjoni tat-taxxa fin-NRA, tejbet il-kapaċità tal-ġbir u l-kontroll, kif jidher miż-żieda fil-ġbir totali tat-taxxa.

Il-ġbir tat-taxxa jeħtieġ sforzi kontinwi fil-livell ta' maniġment biex ikun żgurat li l-istituzzjoni stabbilita m'ilux tiffunzjona mingħajr skossi. L-implimentazzjoni tal-liġijiet il-ġodda teħtieġ koordinazzjoni bejn l-imsieħba. Il-kapaċità ammistrattiva għandha tittejjeb aktar bl-iżvilupp tal-ħiliet professjonali ta' l-impjegati u t-taħriġ kontinwu. Preparazzjonijiet għall-interkonnessjoni ta' l-IT komplew b'pass mgħaġġel u, jekk ma jkunx hemm l-ebda dewmien, il-Bulgarija għandha tissodisfa l-obbligi tagħha ma' l-adeżjoni. B'mod ġenerali, il-preparazzjonijiet sejrin tajjeb.

Konklużjoni

Sar progress sinifikanti dwar id-dazji tas-sisa u dwar l-ko-operazzjoni amministrattiva u l-assistenza reċiproka. B'mod ġenerali issa l-Bulgarija qiegħda tissodisfa l-impenji u l-ħtiġijiet li

jqumu min-negozjati ta' l-adeżjoni f'dawn l-oqsma. Il-Bulgarija hi mistennija li tkun f'po żizzjoni li timplimenta l-*acquis* minn żmien l-adeżjoni jekk jinżamm il-pass preżenti ta' progress.

Fl-oqsma tal-**VAT** u t-**tassazzjoni diretta**, ftit sar progress. Iż-żewġ oqsma għandhom bżonn ta' aktar sforzi f'termini ta' leġiżlazzjoni u l-implimentazzjoni tal-liġijiet il-ġodda.

4.1.10. Kapitolu 13: Il-politika soċjali u x-xogħol

Fir-rigward tal-liġi tax-xogħol, il-Kodiċi Bulgaru tax-Xogħol kien emendat f'Ottubru 2005. L-Ispettorat tax-Xogħol żied in-numru ta' impjegati tiegħu.

It-trapożizzjoni ta' l-acquis għadha mhix lesta, partikularment fejn jirrigwarda id-direttivi li jissupplimentaw l-Istatuti Ewropej tal-Kumpanija u tas-Soċjetà Kooperattiva, id-direttiva dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni u d-direttiva dwar il-Kunsilli Ewropej dwar ix-Xogħol. Barra minn hekk, hemm bżonn li jkunu indirizzati numru ta' kwistjonijiet biex jiżguraw it-traspo żizzjoni korretta u sħiħa, partikularment dak li jirrigwarda d-direttivi dwar l-impjieg tal-ħaddiema, l-insolvenza ta' min iħaddem, saħħa u sigurtà tal-ħaddiema, tkeċċijiet kollettivi, xog ħol part time, xogħol ta' terminu fiss, ħinijiet tax-xogħol, u l-protezzjoni taż-żgħażagħ fuq ix-xogħol. Barra minn hekk, il-kapaċità amministrattiva u l-mekkaniżmi ta' kontroll intern ta' l-Ispettorat tax-Xogħol mhumiex suffiċjenti biex jiggarantixxu applikazzjoni effettiva u ugwali ta' l-*acquis* f'dan il-qasam. Hemm bżonn li jiżdiedu l-preparazzjonijiet.

Fir-rigward ta**d-djalogu soċjali,** id-djalogu bipartitiku għandu bżonn li jissaħħaħ aktar sabiex jipprepara lill-imsieħba soċjali għas-sehem futur tagħhom fil-formulazzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika soċjali ta' l-UE. Il-kriterji ta' rappreżentanza għandhom ikunu applikati b'mod imparzjali għall-organizzazzjonijiet kollha ta' l-imsieħba soċjali. Il-parteċipazzjoni tad-djalogu tripartitiku għandu bżonn li jkun ristrett għall-organizzazzjonijiet ta' l-imsieħba soċjali b'mandat soċjali. Hemm bżonn li jiżdiedu l-preparazzjonijiet.

Jista' jkun rapurtat xi progress dwar l-implimentazzjoni operattiv tad-dispożizzjonijiet regolatorji fil-qasam tas-saħħa pubblika. B'mod partikulari, sar progress biex is-sistema leġi żlattiva għal mard li jittieħed tinġieb f'konformità ma' l-*acquis*. Sar progress sinifikanti biex l-acquis ikun traspost għall-manufattura, il-preżentazzjoni u l-bejgħ ta' prodotti tat-tabakk. Il-Qafas tal-Konvenzjoni għall-Kontroll tat-Tabakk kien ratifikat f'Novembru 2005. Id-Direttiva dwar il-Pubbliċità tat-Tabakk kienet trasposta kompletament. Saru tibdiliet fil-finanzjament tas-settur ta' l-isptar u ngħatat aktar attenzjoni lill-miżuri preventivi ta' saħħa.

L-acquis dwar id-demm u l-komponenti tad-demm u ċ-ċelloli għad irid ikunu traspost kompletament partikularment dak li jikkonċerna l-kwalità u l-istandards ta' sigurtà għad-demm uman u l-komponenti tad-demm, il-ħtiġijiet ta' traċċabilità u n-notifika ta' reazzjonijiet u eventwalitajiet serji u l-istandards tal-Komunità u l-ispeċifikazzjonijiet relatati mas-sistema ta' kwalità għall-istabbilimenti tad-demm. Qed ikun mistenni aktar aġġornament tal-liġi dwar it-trapjant ta' l-organi, it-tessuti u ċ-ċelloli. Is-sistema ta' sorveljanza għall-mard li jittieħed g ħandha bżonn ta' titjib u investiment kontinwu fil-kapaċità tal-laboratorju u t-tagħmir ta' l-IT.

Jibqa' l-bżonn ta' aktar sforzi biex jitjieb l-istatus tas-saħħa tal-populazzjoni u jissaħħaħ l-aċ ċess għas-saħħa u l-kura tas-saħħa, speċjalment fuq il-livell reġjonali u fost gruppi soċjo-ekonomiċi u minoranzi fqar. Fir-rigward tal-kura tas-saħħa, il-kondizzjonijiet applikabbli għall-populazzjoni b'mod inġenerali ma tjiebux. Il-kondizzjonijiet bażiċi fl-istituzzjonijiet tal-kura ta'

l-anzjani, il-persuni b'diżabilità fiżika u mentali u tat-tfal huma tal-waħx. Il-bażi legali ta' l-istituzzjonalizzazzjoni tagħhom, flimkien mal-proċess kajman u xi kultant ippjanat ħażin lejn id-de-istituzzjonalizzazzjoni reali mhumiex sodisfaċenti u għadhom iqajmu tħassib konsiderevoli. Hemm bżonn ta' aktar sforzi.

Sar progress dwar il-preparazzjoni għall-ġestjoni tal-**Fond Soċjali Ewropew** (ESF) partikularment f'termini ta' impjieg ta' aktar impjegati, taħriġ kontinwu ta' l-uffiċjali pubbliċi u l-ħatra ta' l-awtorità li tiġġestixxi l-Programm Operattiv ta' l-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani u l-Programm Operattiv għall-Kapaċità Amministrattiva.

Il-bini tal-kapaċità amministrattiva, partikolarment dak li jirrigwarda l-Programm Operattiv g ħall-Kapaċità Amministrattiva u l-impjieg ta' l-impjegati u t-taħriġ fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni u x-Xjenza u l-Aġenzija ta' l-Assistenza Sojali għadu mhux lest (*Kapitolu 21: Politika reġjonali u ko-ordinament ta' l-istrumenti strutturali*). Hemm bżonn li jiżdiedu l-preparazzjonijiet.

Fil-qasam ta' l-inklużjoni soċjali, fi Frar ta' l-2006 kienu adottati emendi fil-Liġi dwar l-Assistenza Soċjali li, b'mod partikolari, jiftħu s-suq għall-forniment tas-servizzi soċjali. F'April ta' l-2006, il-gvern approva pjan nazzjonali aġġornat għall-ħlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali 2005-2006 li jipprevedi appoġġ lil attivitajiet fl-edukazzjoni, ri-kwalifikazzjoni, xogħol u assistenza lill-gruppi vulnerabbli. Xogħol analitiku u żvilupp ta' statistika soċjali dwar il-faqar u l-esklużjoni soċjali komplew skond l-indikaturi ta' l-UE dwar l-inklużjoni soċjali. Hemm bżonn l-isforzi jkomplu biex titjieb is-sitwazzjoni ta' gruppi vulnerabbli, inklużi r-Roma, u biex tkun promossa l-integrazzjoni sħiħa tagħhom fis-soċjetà. F'xi muniċipalitajiet id-desegregazzjoni u l-integrazzjoni fis-sistema standard ta' l-iskola tat-tfal Roma tat-tfal bi bżonnijiet speċjali wasslu għal riżultati pożittivi.

Ma kibirx l-aċċess għal servizzi ta' kwalità tas-saħħa, ġaladarba numru sinifikanti tal-popolazzjoni, partikolarment fost il-komunità tar-Roma, għadhom bla aċċess għal servizzi ta' kura. Il-proċessi ta' desegregazzjoni u l-integrazzjoni fis-sistema standard ta' l-iskola tat-tfal Roma u t-tfal bi bżonnijiet speċjali għandhom bżonn ikunu aċċellerati. Lanqas ma kien innotat kwalunkwe tisħiħ kontinwu tal-koordinament tal-politika tal-kura tat-tfal u tal-kapaċità amministrattiva ta' l-Aġenzija dwar il-protezzjoni tat-Tfal, inklużi fuq il-livell muniċipali. Il-pro ċess ta' de-istituzzjonalizzazzjoni u l-iżvilupp tas-servizzi bbażati fil-komunità ma ssaħħaħx. G ħad hemm il-bżonn li jkunu implimentati servizzi speċifiċi soċjali, edukattivi u mediċi li jindirizzaw il-kwistjonijiet ta' l-esklużjoni soċjali. Għandhom isiru aktar sforzi biex jinkludu gruppi vulnerabbli, partikularment mill-Komunità tar-Roma, fis-suq tax-xogħol billi ikunu promossi aktar edukazzjoni ta' kwalità u taħriġ vokazzjonali. Aċċess ta' persuni b'diżabilitajiet għal żoni pubbliċi, binjiet, trasport, edukazzjoni u s-suq tax-xogħol għad irid ikun imtejjeb. Hemm bżonn li jiżdiedu l-preparazzjonijiet.

Fir-rigward ta' l-**anti-diskriminazzjoni**, il-Kummissjoni għall-Protezzjoni kontra d-Diskriminazzjoni fl-aħħar kienet stabbilita f'Novembru 2005 u bdiet tittratta l-ewwel każijiet.

Minħabba limitazzjonijiet amministrattivi u ta' staff, din il-Kummissjoni qed taħdem anqas milli suppost u l-ebda sforzi urġenti ma saru li jġibuha taħdem b'mod sħiħ. Is-sitwazzjoni tal-minoranza tar-Roma għad għandha bżonn titjib fundamentali. Sforzi biex tkun żgurata l-implimentazzjoni effettiva tal-Programm ta' qafas għall-Integrazzjoni Ugwali tar-Roma fis-So ċjetà Bulgara ma kienux suffiċjenti. Hemm bżonn li jiżdiedu l-preparazzjonijiet.

Konklużjoni

Sar progress fil-preparazzjonijiet għall-**Fond Soċjali Ewropew** (ESF) iżda dan il-qasam għad għandu bżonn aktar sforzi biex jindirizza l-isfidi li baqa'. Sar biss progress limitat fil-ħames oqsma l-oħra ta' dan il-kapitolu li kienu identifikati f'Ottubru ta' l-2005 li kellhom bżonn aktar sforzi. Dan il-qasam għandu bżonn aktar sforzi u azzjoni ta' malajr sabiex jissolvew in-nuqqasijiet fil-ħin qabel l-adeżjoni. Hemm bżonn li l-aġġornament legali biex jitlesta u jkun infurzat fl-oqsma tal-**liġi tax-xogħol** u s-**saħħa pubblika**. Hemm bżonn li d-**djalogu soċjali** bipartitiku jissaħħaħ aktar u l-parteċipazzjoni korretta ta' l-imsieħba soċjali fl-istrutturi tripartiti ċi għandha tkun żgurata. Dwar l-**inklużjoni soċjali**, aċċess għal servizzi ta' kwalità tal-kura tas-saħħa u l-edukazzjoni, de-istituzzjonalizzazzjoni, il-kura tat-tfal u l-integrazzjoni tal-gruppi vulnerabbli fis-suq tax-xogħol għandhom jittejbu b'mod sinifikattiv. Is-sitwazzjoni tal-minoranza Roma tkompli titlob titjib strutturali. Fir-rigward ta' l-**anti-diskriminazzjoni**, il-kapaċità amministrattiva tal-Kummissjoni għall-Protezzjoni kontra d-Diskriminazzjoni għandha tizdied. B'mod ġenerali, hemm bżonn ta' aktar sforzi biex tissaħħaħ l-kapaċità amministrattiva biex tkun żgurata l-implimentazzjoni xierqa ta' l-acquis tal-politika soċjali.

4.1.11. Kapitolu 14: Enerġija

Il-leġiżlazzjoni tal-qafas u li timplimenta kienet adottata fil-qasam tal-**kompetitività u s-suq intern ta' l-enerġija.**

Is-suq ta' l-elettriku u l-gass għad irid jinfetaħ kollu skond l-*acquis*. L-implimentazzjoni tal-pjanijiet elaborati għandhom iwasslu għas-separazzjoni tal-Bulgargas qabel l-adeżjoni.

Barra minn hekk, fis-settur tal-fjuwil solidu il-Bulgarija trid tiżgura li l-intervent ta' l-istat hu konformi ma' l-*acquis*. Jeħtieg li jiżdiedu l-preparazzjonijiet f'dan il-qasam.

Fil-qasam ta' **l-enerġija nukleari u s-sigurtà nuklerari**, il-qafas legali hu f'postu u l-leġi żlazzjoni li timplimenta kienet adottata.

Rigward l-impenji tal-Bulgarija għal għeluq kmieni tas-sezzjonijiet 1 sa 4 ta' l-impjant ta' l-ener ġija nukleari tal-Kozloduy, kif miktub fl-Att ta' l-Adeżjoni, il-Bulgarija għadha ma ħaditx il-passi neċessarji biex tiżgura l-iżmantellar irriversibbli tas-sezzjonijiet 1 u 2 li kien magħluqa fl-2002. Għadha ma ħaditx azzjoni tanġibbli operattiva u amministrattiva biex tiżgura l-għeluq definittiv tas-sezzjonijiet 3 u 4 fl-2006 u biex tiggarantixxi d-dekumissjonar sussegwenti tag ħhom u b'hekk tkun tista' tuża l-użu xieraq tal-fondi ta' l-UE disponibbli. M'hemmx osservanza sħiħa tal-ħtiġijiet u l-proċeduri tat-Trattat Eurotom. Jeħtieg li l-preparazzjonijiet f'dan il-qasam jittejbu b'mod sinifikattiv.

Konklużjoni

Sar progress limitat dwar **il-kompetitività u is-suq intern ta' l-enerġija**. Issa hemm bżonn ta' aktar sforzi u azzjoni malajr sabiex jitlesta l-ftuħ tas-swieq ta' l-elettriku u tal-gass qabel l-ade żjoni. Fil-qasam ta' l-**enerġija nukleari u s-sigurtà nuklerari**, is-sitwazzjoni marret lura fir-rigward tal-proċess ta' dekumissarjar. Issa hemm bżonn ta' aktar sforzi u azzjoni malajr sabiex ikun garantit l-għeluq irreversibbli tas-sezzjonijiet 1 sa 4 ta' l-impjant ta' l-enerġija nukleari f'Kozloduy.

4.1.12. Kapitolu 15: Politika industrijali

Il-proċess ta' **privatizzazzjoni u r-ristrutturar** kompla fil-Bulgarija minkejja b'pass aktar kajman milli kien ippjanat. Il-privatizzazjoni hi kważi lesta iżda l-proċess batta b'mod sinifikanti reċentement bi ftit miżuri ta' privatizzazzjoni li attwalment kienu terminati. Ir-ristrutturar ta' l-industriji tan-netwerk kompla.

Il-proċess tal-privatizzazzjoni għadu mhux suffiċjentement trasparenti u problemi fil-kontroll ta' wara l-privatizzazzjoni jippersistu.

Ir-ristrutturar ta' l-industrija ta'l-azzar waqa' serjament lura u mhux se jkun possibbli li tingħata mill-ġdid lill-produttur ewlieni ta' l-azzar, li hu soġġett għall-pjan individwali ta' vijabilità, sal-vijabilità sa tmiem il-perjodu maqbul ta' ristrutturar. Il-Bulgarija formalment innotifikat lill-Kummisjoni bit-tibdiliet ippjanati fil-Pjan Nazzjonali ta' Ristrutturar għall-industrija ta' l-azzar u fil-*business plan* relevanti. Il-Kummissjoni se tanalizza dawn it-tibdiliet bir-reqqa, partikolarment mill-lat tal-kompatibilità tagħhom mar-regoli ta' l-għajnuna statali. Hemm b żonn li jiżdiedu l-preparazzjonijiet fil-qasam tal-privatizzazzjoni u r-ristrutturar.

Konklużjoni

Sar xi progress fil-**privatizzazzjoni u r-ristrutturar**. Madankollu, ir-riżultati huma limitati, notevolement f'termini tar-ristrutturar ta' l-industrija ta' l-azzar. Aktar sforzi u azzjoni ta' malajr jinħtieġu issa f'dan il-qasam biex jissolvew in-nuqqasijiet qabel l-adeżjoni.

4.1.13. Kapitolu 19: It-telekommunikazzjonijiet u t-teknoloġiji ta' l-informatika

Ma jistgħux ikunu rrappurtati żviluppi sinfikanti fil-qasam tal-**komunikazzjoni elettronika u t-teknoloġiji ta' l-informatika**.

Ftit sar progess li jindirizza kwistjonijiet pendenti li jirrigwardaw it-traspożizzjoni ta' l-*acquis* ta' l-1998. Għad iridu jkunu implimentati numru ta' salvagwardji kompetittivi bażiċi imposti fuq l-operatur responsabbli tas-suq tat-telefonija fissa. Fis-suq tal-mobajl, l-Att preżenti dwar it-Telekomunikazzjoni ma jiddefinixxix suq għall-interkonnessjoni u konsegwentement ma jimponi l-ebda orjentazzjoni ta' prezz ta' "wholesale call termination rates" fuq l-operatur b'poter sinifikanti fis-suq (SMP). Il-preparazzjonijiet għall-portabilità tan-numru tal-mobajl huma limitati. Il-preparazzjoni għall-acquis ta' l-2002 hi fil-fażi bikrija tagħha. L-awtoritajiet nazzjonali regolatorji m'għandhomx ir-riżorsi xierqa biex iwettqu x-xogħol tagħhom relatat ma' l-implimentazzjoni tal-Liġi dwar il-Komunikazzjoni Elettronika, partikolarment dwar l-analiżi tas-suq, l-eżami tas-SMPs u l-impożizzjoni tar-rimedji. Għad hemm lok ta' titjib fil-koordinament bejn l-awtoritajiet regolatorji. Jeħtieg li jiżdiedu l-preparazzjonijiet f'dan il-qasam.

Fil-qasam tas-**servizzi postali**, kienu adottati emendi fil-Liġi dwar is-Servizzi Postali f'April ta' l-2006. L-għan tagħhom li titlesta t-traspożizzjoni tat-tieni Direttiva dwar is-Servizzi Postali.

It-tisħiħ tal-kapaċità ammministrattiva biex titkejjel il-kwalità, il-kalkolu ta' l-ispiża u l-mekkani żmi tal-kontabilità tar-regolatur f'dan il-qasam, il-Kummissjoni dwar ir-regolamentazzjoni tal-komunikazzjoni, għadu mhux lest. B'mod ġenerali l-preparazzjonijiet huma fit-triq it-tajba f'dan il-qasam.

Konklużjoni

Sar progess sinifkanti fis-**servizzi postali**. Hemm bżonn li jitlesta t-tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva tar-regolatur. B'mod ġenerali issa l-Bulgarija qiegħda tissodisfa l-impenji u l-ħti ġijiet li jqumu min-negozjati ta' l-adeżjoni f'dan il-qasam jekk il-pass preżenti ta' progress jin żamm.

Ftit sar progress fil-**komunkazzjoni elettronika u t-teknoloġiji ta' l-informatika** inkluż li jkunu indirizzati l-kwistjonijiet pendenti relatati ma' l-*acquis* ta' l-1998. Għad irid isir l-aġ ġornament ma' l-*acquis* ta' l-2002. L-iskeda leġiżlattiva għandha bżonn ta' reviżjoni u pjanijiet ġodda attivati sabiex ikunu osservati l-iskadenzi ta' l-adeżjoni. Issa hemm bżonn ta' aktar sforzi u azzjoni malajr f'dan il-qasam.

4.1.14. Kapitolu 21: Politika reġjonali u ko-ordinament ta' l-istrumenti strutturali

Il-**qafas leġiżlattiv** neċessarju biex tkun żgurata l-kompatibilità sħiħa ta' l-operazjzonijiet finanzjati mill-Fondi Strutturali mal-politika u l-leġiżlazzjoni ta' l-UE issa hi stabbilita. Il-Bulgarija adottat l-emendi neċessarji fil-Liġi tax-Xiri Pubbliku u approvat Liġi ġdida dwar il-Konċessjonijiet f'konformità ma' l-*acquis*. Il-Bulgarija adottat il-Liġi Organika dwar il-Baġit li tintroduċi l-ipprogrammar tal-baġit multi-annwali u diġà bdiet l-ibaġitjar tal-programm f'diversi Ministeri. L-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni l-ġdida dwar ix-xiri pubbliku għandha bżonn l-attenzjoni. B'mod ġenerali, il-preparazzjonijiet huma fi stadju avvanzat f'dan il-qasam.

L-istrutturi istituzzjonali prinċipali għall-preparazzjoni u l-implimentazjzoni tal-Fondi Strutturali kienu stabbiliti. Ittieħdu deċiżjonijiet dwar id-distribuzzjoni tax-xogħlijiet bejn l-organi differenti f'kull Programm Operattiv u qed ikunu stabbiliti l-istrutturi tat-tqassim. Ittejbet il-koordinazzjoni inter-ministerjali.

Sfida ewlenija għal numru ta' organi se tkun it-twettiq tal-pjanijiet ambizzjużi ta' impjieg, bit-tfitxija għaddejja ta' numru għoli ta' impjegati bl-esperjenza u b'ħafna organi potenzjalment jikkompetu għal numru limitat ta' persuni adegwatament kwalifikati. Ħafna organi intermedjarji u benefiċjarji finali kif ukoll awtoritajiet li jiġġestixxu għad għadhom bżonn jibnu l-kapaċità tag ħhom b'mod konsiderevoli partikolarment dwar ix-xiri pubbliku. Hemm bżonn li jitlestew il-preparazjonijiet għall-koordinazzjoni inter-ministerjali u bejn is-setturi dwar l-ippjanar u wara l-implimentazzjoni ta' l-operazzjonijiet fuq livell reġjonali kif ukoll gwida għall-proċeduri ta' implimentazzjoni. Jeħtieg li jiżdiedu l-preparazzjonijiet f'dan il-qasam.

Il-Bulgarija miexja tajjeb bil-**programmar**. Ippreparat l-abbozzi tad-dokumenti kollha ta' l-ipprogrammar meħtieġa.

Xi dokumenti ta' l-ipprogrammar, inkluż il-Qafas ta' Referenza Strateġiku Nazzjonali, jonqsu l-fokus u l-viżjoni strateġika li tagħmlu aktar diffiċli biex jikkoordina l-implimentazzjoni. Il-valutazzjonijiet *ex-ante* bdew wara dewmien konsiderevoli. Jibqa' t-tħassib dwar it-twaqqif ta' sensiela ta' proġetti lesti biex ikunu implimentati skond il-Fondi Strutturali u l-Fond ta' Koe żjoni. Jeħtieg li jiżdiedu l-preparazzjonijiet f'dan il-qasam.

F'dan li għandu x'jaqsam mal-**monitoraġġ u l-valutazzjoni**, is-sistemi ta' monitoraġġ kienu stabbiliti f'numru ta' awtoritajiet ta' ġestjoni u organi intermedjari. Il-Bulgarija ordnat sistema tal-maniġment ta' l-informazzjoni unika li tkopri l-programmi operattivi u qiegħda fil-proċess li tibniha.

L-interkonnessjoni ta' ċerti sottosistemi tas-sistema tal-maniġment ta' l-informazzjoni u l-prontezza u l-preparazzjoni ta' l-utenti finali fuq livell nazzjonali, reġjonali u lokali biex joperaw is-sistemi għandha bżonn tkun żgurata. L-impjieg u t-taħriġ ta' l-impjegati f'dan il-kuntest hemm bżonn li jitlestew. Għad iridu jitwaqqfu l-unitajiet ta' valutazzjoni u jimtlew bl-impjegati f'numru ta' awtoritajiet li jiġġestixxu. Il-preparazzjonijiet għall-monitoraġġ u l-valutazjzoni hemm bżonn li jissaħħu.

Fir-rigward tal-ġestjoni u l-kontroll finanzjarju, kien adottat qafas leġiżlattiv ġdid u twaqqfu b'mod ġenerali strutturi istituzzjonali. Inħolqu Awtorità tal-Verifika ċentrali u l-unitajiet tal-verifika interna fl-awtoritajiet li jiġġestixxu.

Pjanijiet ambizzjużi ta' impjieg u kompetizzjoni potenzjali għal ftit speċjalisti disponibbli bejn l-organi differenti involuti f'dan il-qasam qed iqajmu tħassib. Għad irid isir ħafna mit-taħriġ f'dan il-qasam. Ftehim inter-istituzzjonali elevanti u manwali ta' proċedura għadhomx mhumiex disponibbli. Għadha nieqsa l-koordinazzjoni b'saħħitha u effiċjenti ta' preparazzjoni u l-implimentazzjoni tal-ġestjoni finanzjarja u s-sistemi ta' kontroll. L-implimentazzjoni tas-sistema tal-kontroll għax-xiri pubbliku għad għandha bżonn it-tisħiħ fid-dawl ta' l-implimentazzjoni tal-proġetti ta' koeżjoni ta' l-ISPA u l-PHARE. Jeħtieg li jiżdiedu l-preparazzjonijiet f'dan il-qasam.

Konklużjoni

Il-Bulgarija għamlet progress suffiċjenti fil-**qafas leġiżlattiv** u b'mod ġenerali issa qiegħda tissodisfa l-impenji u l-ħtiġijiet li jqumu min-negozjati ta' l-adeżjoni f'dan il-qasam.

Sar progress fl-**ipprogrammar** u dwar il-monitoraġġ u l-valutazzjoni iżda l-Bulgarija għad je ħtiġilha aktar sforzi biex tipprepara sensiela effiċjenti ta' proġetti u tistabbilixxi sistema tal-ġestjoni ta' l-informazzjoni funzjonali fil-ħin għall-adeżjoni. Il-Bulgarija għamlet progress fl-**istrutturi istituzzjonali** u fil-qasam tal-ġestjoni u kontroll finanzjarju. Dawn l-oqsma g ħandhom bżonn aktar sforzi u azzjoni ta' malajr sabiex jissolvew in-nuqqasijiet fil-ħin qabel l-adeżjoni. Ingħatat attenzjoni, b'mod partikulari għat-twaqqif malajr ta' sistema ta' verifika u kontroll li tippermetti implimentazzjoni soda u effiċjenti tal-Fondi Strutturali u tissaħħaħ sostanzjalment l-kapaċità amministrattiva. Hemm bżonn ta' sforzi biex tkun żgurata l-operazzjoni sħiħa f'kull livell ta' sistema ta' kontroll *ex ante* fir-rigward tax-xiri pubbliku.

4.1.15. Kapitolu 22: Ambjent

Fir-rigward il-**leġiżlazzjoni orizzontali** l-kapaċità amministrattiva relevanti qiegħda tissaħħaħ.

Il-koordinazjzoni, l-integrazzjoni, l-għarfien pubbliku u l-involviment tal-pubbliku għandhom b żonn ta' tisħiħ fl-oqsma bħalma huma Il-Prevenzjoni u l-Kontroll Integrati tat-Tniġġiż (IPPC) u l-programm NATURA 2000. Hemm bżonn ta' aktar sforzi fir-rigward ta' l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni li tittrasponi d-direttivi dwar il-Valutazzjoni ta' l-Impatt fuq l-Ambjent u l-Valutazzjoni Ambjentali Strateġiku kemm fuq il-livell nazzjonali kif ukoll fuq il-livell reġjonali. Hemm bżonn li jiżdiedu l-preparazzjonijiet.

Il-leġiżlazzjoni dwar **il-maniġment ta' l-iskart** hi skond l-*acquis*.

Qed tingħata attenzjoni mhux adegwata lill-impjieg ta' impjegati addizzjonali speċjalment im ħarrġin għall-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-maniġment ta' l-iskart, partikularment fuq il-

livelli reġjonali u lokali. Hemm ħtieġa ta' aktar passi ta' implimentazzjoni fir-rigward tad-Direttivi dwar il-Qafas ta' l-iskart u l-Iskart Perikoluż. Għandhom jizdiedu l-preparazzjonijiet, partikularment fl-iżvilupp ta' xibka integrata ta' impjanti ta' rimi.

Il-leġiżlazzjoni dwar **il-maniġment ta' l-iskart** hi b'mod ġenerali tiffunzjona u hi skond l-*acquis*.

Il-leġiżlazzjoni li timplimenta d-Direttiva dwar il-Qafas ta' l-Ilma għadha tistenna l-approvazzjoni finali tal-parlament. Hemm bżonn ta' aktar tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva, partikularment fuq il-livell reġjonali u f'termini tar-iżorsi umani, laboratorji u tagħmir. G ħadhom lura l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni bejn l-istituzzjonijiet differenti u l-amministrazzjonijiet differenti. Fir-rigward tal-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar in-Nitrati, id-Direttiva dwar l-Ilma tax-Xorb u l-Ilma tal-Wiċċ għadha lura. Hemm bżonn li jiżdiedu l-preparazzjonijiet.

Fir-rigward tat-tniġġiż industrijali kien innotat progress bil-ħsieb li jinħardu l-permessi għall-impjanti industrijali. Riżorsi fl-awtorità kompetenti ċentrali jidhru adegwati u l-proċeduri dwar il-ħruġ ta' permessi huma definiti b'mod ċar u stabbiliti. Qed tiffunzjona tajjeb il-kooperazzjoni bejn il-livelli ċentrali u reġjonali u turi diviżjoni ċara tax-xogħlijiet u r-responsabbiltajiet.

Xi kapaċità addizzjonali tinħtieġ fuq il-livell reġjonali. In-numru totali ta' permessi integrati ma ħruġin s'issa hu ta' xi 80 mill-230 sit li jrid jkun eżaminat. Barra minn hekk, 14-il permess ieħor qed ikunu riveduti. Hemm bżonn li jiżdiedu l-preparazzjonijiet.

Il-leġiżlazzjoni dwar il-kimiċi u l-organiżmi ġenetikament modifikati kienet trasposta u hi konformi ma' l-acquis, inkluż l-użu kontenut tal-mikro-organiżmi ġenetikament modifikati u dwar il-ħruġ apposta fl-ambjent ta' l-organiżmi ġenetikament modifikati (GMOs). Il-preparazzjoniiet mexjin tajjeb, imaa l-kapaċità amministrattiva tal-kimiċi u l-organiżmi ġenetikament modifikati għandha bżonn tissaħħaħ.

Dwar il-**ħsejjes**, għadhom ma tlestewx il-pjanijiet ta' azzjoni u mapep strateġiċi tal-ħsejjes iżda b'mod ġenerali l-preparazzjonijiet sejrin tajjeb.

Dwar is-sigurtà **nukleari u protezzjoni mir-radjazzjoni**, kienet adottata l-leġiżlazzjoni dwar it-trasbord ta' skart radjuattiv u mediku mikxuf. Il-kapaċità amministrattiva hi ġeneralment f'postha, bl-eċċezzjoni ta' l-infurzar ta' l-aspetti relatati mal-kxif mediku. Jeħtieg li jiżdiedu l-preparazzjonijiet f'dan il-qasam.

Konklużjoni

B'mod ġenerali issa l-Bulgarija qiegħda tissodisfa l-impenji u l-ħtiġijiet li jqumu min-negozjati ta' l-adeżjoni fil-qasam tal-**ħsejjes u l-kimiċi** u l-**organiżmi ġenetikament modifikati**.

Sar progress fil-leġiżlazzjoni orizzontali, l-maniġment ta' l-iskart, it-tniġġiż industrijali u l-mani ġment tar-riskju u s-**sigurtà nukleari u l-protezzjoni mir-radjazzjoni.** Issa hemm bżonn ta' aktar sforzi u azzjoni malajr sabiex il-Bulgarija tiffinalizza il-proċess tat-traspożizzjoni u timplimenta u tinfurza l-leġiżlazzjoni. Għad hemm bżonn li l-kapaċità amministrattiva tkompli tikber f'dawn l-oqsma, b'attenzjoni partikulari lill-awtoritajiet reġjonali u lokali u l-ispettorati.

4.1.16. Kapitolu 23: Protezzjoni tal-konsumatur u s-saħħa

Il-Bulgarija issa kisbet grad raġonevoli ta' konformità ma' l-acquis fil-qasam tal-miżuri relatati mas-sigurtà, inklużi r-responsabbiltà għall-prodotti difettużi, is-sigurtà ġenerali tal-prodott u imitazzjonijiet perikolużi. Il-preparazzjonijiet sejrin tajjeb.

Is-sistema tas-sorveljanza tas-suq f'dan il-qasam ittejbet. Madankollu, il-koordinazzjoni bejn l-organi u l-istituzzjonijiet involuti għadha ma ssaħħitx. Hemm bżonn li jiżdiedu l-preparazzjonijiet.

Fir-rigward tal-**miżuri mhux relatati mas-sigurtà**, l-adozzjoni tal-Liġi l-ġdida dwar Il-Protezzjoni tal-Konsumatur irrappreżentat pass 'il quddiem importanti fit-traspożizzjoni ta' diversi direttivi. Il-Bulgarija għadha m'għamlitx it-traspożizzjoni ta' partijiet ta' l-*acquis* dwar il-kreditu lill-konsumatur, *marketing* b'distanza ta' servizzi finanzjarji għall-konsumatur u in ġuzzjonijiet u għadha ma saħħitx il-qafas istituzzjonali. Kemm l-impjegati u l-faċilitajiet tekniċi tad-Direttorat dwar il-Protezzjoni tal-Konsumatur stabbilit dan l-aħħar kif ukoll il-Kummissjoni tal-Kummerċ u l-protezzjoni tal-Konsumatur, partikularment din ta' l-aħħar, biex twettaq funzjonijiet u xogħlijiet addizzjonali li ġejjin mil-Liġi dwar il-Protezzjoni tal-Konsumatur huma limitati. Barra minn hekk, ftit saru sforzi biex ikun żviluppat moviment tal-konsumatur b'saħ ħtu, indipendenti, rappreżentattiv u effettiv, li jista' jgħin lill-konsumaturi u jagħti sehem effettiv fit-tfassil tal-politika tal-konsumatur u s-sorveljanza tas-suq. Hemm bżonn li jiżdiedu l-preparazzjonijiet.

Konklużjoni

Sar progress fil-**protezzjoni tal-konsumatur u s-saħħa.** Madankollu, jinħtieġu aktar sforzi u azzjoni ta' malajr issa f'dan il-qasam biex jissolvew in-nuqqasijiet qabel l-adeżjoni. Hemm b żonn li titlesta l-konformità tal-leġizlazzjoni, l-aktar dwar il-miżuri mhux relatati mas-sigurtà. L-attivitajiet tas-sorveljanza tas-suq, u l-kapaċità u l-istrutturi amministrattivi għandhom bżonn aktar titjib, kif ukoll promozzjoni ta' l-involviment ta' l-għaqdiet tal-konsumatur fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politika tal-konsumatur.

4.1.17. Kapitolu 24: Ko-operazzjoni fil-qasam tal-ġustizzja u l-affarijiet interni

Fir-rigward tal-preparazzjonijiet għall-applikazzjoni ta' l-acquis ta' Schengen u l-ġestjoni tal-fruntiera esterna futura ta' l-UE, Pjan aġġornat ta' Azzjoni ta' Schengen għall-perjodu 2006-2007 u rapport ta' implimentazzjoni kienu adottati f'Jannar ta' l-2006. Strateġija integrata ta' gestjoni tal-fruntiera kienet approvata mill-Kunsill tal-Ministri f'Jannar ta' l-2006 u Pjan ta' azzjoni f'April ta' l-2006. L-istrateġija tfassal 11-il sett ta' azzjonijiet li għandhom jitwettqu qabel l-adeżjoni u 13-il sett ta' azzjonijiet li għandhom jitwettqu bejn l-adeżjoni u l-integrazzjoni f'Schengen. Fi Frar 2006, proġett pilota fuq l-introduzzjoni tal-prinċipju waqfa-waħda kien varat fi ftit postijiet għall-karozzi privati. Issa dan għandu bżonn li jkun introdott fil-punti tal-qsim tal-fruntiera, inklużi il-mogħdijiet tat-trakkijiet. Il-Bulgarija u r-Rumanija qablu li jintensifikaw il-kooperazzjoni tagħhom fuq il-fruntiera, speċjalment dwar is-sorveljanza tad-Danubju.

Dwar il-ġestjoni tal-fruntieri esterni futuri ta' l-UE, sar progress sinifikanti fil-proċeduri u il-livell ta' kontroll, partikolarment fl-ajruporti u portijiet tal-baħar. L-istatus ta' ħames portijiet tal-baħar li jiġġestixxu t-traffiku internazzjonali kien ikkjarifikat. It-tagħmir użat għall-kontroll tal-fruntiera jidher li hu suffiċjenti biex jitwettqu l-kontrolli ta' kwalità għolja. Kienu impjegati xi 270 uffiċjal tal-pulizija tal-fruntiera biex b'hekk il-postijiet vakanti jinżlu għal anqas minn 750.

It-twaqqif ta' timijiet mobbli konġunti tad-dwana u tal-pulizija tal-fruntiera għal iċċekkjar dettaljat tul il-fruntiera ttardja. Meta wieħed jikkunsidra s-sehem tagħhom fl-implimentazjzoni ta' l-acquis ta' Schengen, hemm bżonn ta' aktar sforzi biex ikun żgurat li jkunu ffurmati t-timijiet fil-ħin. L-infrastruttura tal-qsim tal-fruntiera għadha mhix adatta ma' l-għanijiet ta' l-istrateġija.

Għad hemm nuqqas ta' uffiċjali tal-pulizija tal-fruntiera biex iwettqu l-iċċekkjar f'ċerti punti tal-qsim tal-fruntiera. Addizzjonalment, anke jekk kapaċità ta'l-analiżi tar-riskju operattivi ġeneralment teżisti, għad hemm bżonn titjib fuq il-livell lokali.

Fir-rigward tal-preparazzjonijiet tal-Bulgarija biex tissieħeb fis-Sistema ta' l-Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fi stadju aktar tard wara l-adezjoni, hu essenzjali li l-preparazzjonijiet tal-Bulgarija għall-inklużjoni fis-SIS II u l-parteċipazzjoni fil-gruppi ta' ħidma relevanti żdiedu biex jiżguraw li l-Bulgarija qiegħda taħdem lejn il-ħtiġijiet tas-SIS II. Ma kienux ossevati numru ta' skadenzi iffissati fi Pjanijiet ta' Azzjoni preċedenti; implimentazzjoni sħiħa u f'waqtha tal-miżuri hi essenzjali f'dan il-qasam. B'mod ġenerali, jeħtieg li jiżdiedu l-preparazzjonijiet f'dan il-qasam.

Dwar il-politika tal-viża, kompliet il-konformità mal-lista pożittiva ta' l-UE bil-konklużjoni tal-ftehimiet bilaterali mal-Brażil u l-Veneżwela. Il-Bulgarija issa tipparteċipa fil-gruppi kollha ta' ħidma relatati mal-VIS u l-laqgħat tekniċi u dan għandu jgħin biex ikun żgurat li s-sistema nazzjonali ta' viża tagħha hi korrettement konformi mal-ħtiġijiet tal-VIS.

Il-Bulgarija hi kommessa li tintroduċi reġim ta' viża għall-ex-Repubblika Yugoslava tal-Maċedonia u s-Serbja u Montenegro qabel l-adeżjoni. L-aġġornament mal-lista pożittiva ta' l-UE għadu mhux lest. Il-postijiet kollha konsulari tal-Bulgarija għandhom lentijiet, lampi UV u tliet "*metro-viewers*". Barra minn hekk, il-missjonijiet ingħatalhom softwer speċjalizzat biex jikkontrollaw id-dokumenti. B'mod ġenerali, il-preparazzjonijiet huma fit-triq it-tajba fil-qasam tal-politika dwar il-viża.

Fil-**qasam tal-kenn politiku**, mexjin il-preparazzjonijiet tekniċi biex ikunu lesti biex jużaw l-EURODAC mill-adeżjoni. Il-Proġett tal-Master Plan ta' l-EURODAC qed ikun implimentat u kien stabbilit Direttorat fil-Ministeru ta' l-Intern biex jittratta mad-Dublin II u l-EURODAC.

Il-kapaċità amministrattiva ta' l-Aġenzija għar-Refuġjati għandha bżonn li tissaħħaħ aktar. Attivitajiet li jibnu l-kapaċità ma' l-awtoritajiet u mal-ġudikatura dwar il-leġiżlazzjoni dwar il-kenn politiku, il-proċeduri u l-applikazzjonijiet għadhom mhumiex lesti. Hemm dewmien serju fit-twaqqif ta' żewġ ċentri ta' merħba f'Sofija u Pastrogor. Jeħtieg li jiżdiedu l-preparazzjonijiet f'dan il-qasam.

Fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, kienet adottata Liġi ġdida dwar il-Ministeru ta' l-Intern fi Frar ta' l-2006 bl-għan li ttejjeb l-kooperazzjoni bejn l-aġenziji varji ta' infurzar tal-liġi li jiġġieldu l-kriminalità, biex isawru ix-xogħol tagħhom u jintroduċu mogħdija ta' karriera professjonali għall-uffiċjali tal-Ministeru ta' l-Intern. Preparazzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-Kodiċi l-ġdid dwar il-Proċedura Penali komplew, inklużi l-impjieg u t-taħriġ ta' uffiċjali tal-pulizija b'poteri investigattivi. Fir-rigward tar-riżultati operattivi fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata żieda fl-attività tal-forzi varji tal-pulizija kienet notevoli. Kompliet il-kooperazzjoni internazzjonali mal-pajjiżi ġirien u l-Istati Membri ta' l-UE fit-tkissir ta' ċrieki kriminali internazzjonali. Il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata kisbet aktar attenzjoni politika u xi agenziji ta' l-infurzar tal-liġi huma aktar attivi

f'dan il-qasam. Ittieħdu xi miżuri sabiex jinkixfu konnessjonijiet bejn aġenziji ta' l-infurzar tal-liġi u gruppi ta' kriminalità organizzata.

L-impatt tal-leġiżlazzjoni adottata reċentement fuq is-sitwazzjoni tal-kriminalità b'mod ġenerali għandha bżonn tkun segwita ġaladarba daħlet fis-seħħ fi tmiem April ta' l-2006. L-impatt u l-adegwanza tal-Kodiċi ta' Proċedura Penali l-ġdid fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata se jkollhom bżonn li jkunu segwiti bir-reqqa. L-effettività tagħha tista' tiddgħajjef bit-tnaqqis konsiderevoli ta' l-investigaturi tal-pulizija li baqgħu biss 2000 minnhom, il-limitu ta' sentejn li fih investigazzjoni għandha titlesta filwaqt li każijiet ta' kriminalità organizzata ta' spiss jieħdu aktar fit-tul biex jissolvew u l-fatt li l-investigaturi tal-pulizija mhumiex permessi li jagħtu xhieda fil-qorti. Magħruf l-lok ġeografiku tagħha u l-isfidi li ż-żona kollha qiegħda tiffaċċja fir-rigward tal-kriminalità organizzata, il-kooperazzjoni reġjonali tal-Bulgarija, partikolarment fuq il-livell operattiv, għandha bżonn tkun intensifikata. Il-protezzjoni tad-*data* u t-trattament ta' l-informazzjoni kunfidenzjali mhumiex dejjem adegwati u din taffettwa l-kooperazzjoni internazzjonali.

Jibqa' tħassib serju dwar l-effettività tal-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata tal-Bulgarija. Filwaqt li din kienet prioritá nazzjonali professata għad m'hemmx riżultati tanġibbli fl-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' ċrieki ta' kriminalità organizzata, inkluża l-implimentazzjoni ta' strateġija multi-dixxiplinarja. Approċċ armonizzat lejn l-istatistika tal-kriminalità li jippermetti lill-Bulgarija timmonitorizza s-sitwazzjoni aktar mill-qrib, għad trid tkun stabbilita. Il-qtil frekwenti b'kuntratt ta' persuni konnessi mal-gruppi ta' kriminalità organizzata rarament iwassal għall-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet ta' suċċess u jibqgħu jirrapreżentaw sfida lill-istat tad-dritt fil-pajjiż. Il-pussess illegali ta' l-armi tibqa' problema. Ir-rata ta' suċċess tal-prosekuzzjoni ta' offiżi kriminali ta' spiss konnessi mal-kriminalità organizzata bħalma huma ħasil il-flus, l-iffalsifikar ta' oġġetti, flus u dokumenti, it-traffikar tal-bnedmin, il-prostituzzjoni u t-traffikar tad-droga għadha baxxa ħafna. Mekkaniżmi li għandhom l-għan li jtejbu l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata bħalma hija l-iskema ta' protezzjoni tax-xhud għadhom mhumiex operattivi kompletament.

Is-Servizz Nazzjonali li Jiġġieled il-Kriminalità Organizzata għadha ssofri minn nuqqas ta' impjegati ta' kwalità għolja u jidher li għandu b'mod ġenerali attitudni reattiva minflok waħda pro-attiva. Għal ħafna snin il-Bulgarija kellha strumenti legali li jippermettulha l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni effettiva tal-kriminali organizzati magħrufa. Għalhekk wieħed għad irid jara jekk il-qafas legali mibdul se jwassal għal titjib reali fil-ġlieda kontra l-krimnalità organizzata. Azzjoni urġenti għadha meħtieġa f'dan il-qasam.

Baqa' xi nuqqasijiet fil-qasam tal-**ħasil tal-flus** *(ara wkoll kapitolu 4 – Ċaqliq ħieles tal-kapital)*. Implimentazzjoni xierqa tal-leġizlazzjoni tiegħu għadha mhix sodisfaċenti speċjalment fin-nuqqas ta' riżultati tanġibbli fl-infurzar, partikularment fl-assenza ta' kundanni. Il-kooperazzjoni bejn l-aġenziji ta' l-infurzar tal-liġi għadha mhix suffiċjenti. Fl-aħħarnett, l-effettività fil-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus tibqa' tkun imfixxkla b'mod serju mill-korruzzjoni, l-kriminalità organizzata u l-ekonomija informali. Għadu mhux provdut taħriġ suffiċjenti fl-organi kollha li jittrattaw il-każijiet ta' ħasil ta' flus. Azzjoni urġenti hija meħtieġa issa f'dan il-qasam.

Dwar il-**ġlieda kontra d-drogi**, progress limitat jista' jkun irrapurtat fir-rigward tat-tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva tal-Punt Fokali Nazzjonali fiċ-Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ għad-Droga u d-Dipendenza mid-Droga. Regoli dwar it-twaqqif u l-funzjoni tal-Punt Fokali Nazzjonali kienu adottati f'Diċembru ta' l-2005. Jistgħu jkunu nnutati xi żviluppi riċenti fir-

rigward ta' l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' traffikanti tad-droga. Il-Bulgarija elaborat rapport dwar l-implimentazzjoni ta' pjan ta' azzjoni ta' l-Istrateġija Nazzjonali kontra d-Droga f'Marzu ta' l-2006 u kompliet timplimenta b'mod miftuħ l-Istrateġija Nazzjonali kontra d-droga 2003-08 u l-Pjan ta' Azzjoni tagħha skond l-iskadenzi. Il-programmi domestiċi li jrrigwardaw il-kuxjenza pubblika u l-prevenzjoni issa qed ikunu implimentati.

Madankollu politika nazzjonali dwar id-droga kompletament konsistenti u kkoordinata sew, li tindirizza b'mod partikulari it-tnaqqis u it-tisħiħ tal-finanzjament tal-programmi ta' trattament g ħadha ma ġietx żviluppata. Il-kapaċità amministrattiva għadha limitata, partikularment dak li jikkonċerna impjegati bi kwalifiki għolja kif ukoll fir-rigward ta' kooperazzjoni bejn l-atturi varji involuti fl-implimentazzjni ta' l-Istrateġija Nazzjonali dwar id-Droga. Il-Punt Fokali Nazzjonali dwar id-droga għandu biss riżorsi limitati. B'mod ġenerali, jeħtieg li jiżdiedu l-preparazzjonijiet f'dan il-qasam.

Fir-rigward tal-ġlieda kontra l-frodi u l-korruzzjoni, strateġija ġdida kontra l-korruzzjoni li tkopri l-perjodu 2006-08 kienet adottata. Issaħħet bi Pjan ta' azzjoni. Jistgħu jipprovdu qafas komprensiv fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni jekk ikunu implimentati kompletament.

Madankollu, l-implimentazzjoni ta' l-istrateġija mhix konnessa ma' sistema tal-ġestjoni ta' twettiq, b'miri konkreti u li jistgħu jitkejlu. Is-Segretarjat tal-Kummissjoni dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda Kontra l-Korruzzjoni għad m'għandux kapaċità amministrattiva suffiċjenti. Is-sehem ta' din il-Kummissjoni hu essenzjali, għaliex hi l-istituzzjoni li tiġbor flimkien l-għarfien dwar il-miżuri ewlenin kontra l-korruzzjoni.

L-aġenziji ta' l-infurzar tal-liġi, inkluża l-Aġenzija tad-Dwana, jibqgħu vulnerabbli ħafna għall-korruzzjoni u mġiba mhux xierqa. Għad jonqos programm komprensiv tal-ġestjoni tar-riskju li jindirizza lis-settur tan-negozju. Il-ġestjoni tar-riskju għandha tissaħħaħ b'sistema ta' rappurtar responsabbli u regolari.

Għadha ma ġietx indirizzata r-reviżjoni tas-sistema ta' numru ta' ħlasijiet fi flus kontanti fil-postijiet tal-fruntiera esterna. Kaxex fuq il-fruntieri fejn il-klijenti jistgħu jħallu l-ilmenti tag ħhom rarament jintużaw fatt li juri li l-kampanji ta' kuxjenza pubblika għadhom mhumiex effi ċjenti *(ara wkoll it-tqsima politika)*. Azzjoni urġenti għadha meħtieġa f'dan il-qasam.

Fil-qasam tal-**protezzjoni tad-*data***, fil-waqt il-Liġi dwar il-protezzjoni tad-Data kienet emendata f'Diċembru 2005, baqa' l-ħtieġa ta' aktar konformità ma' l-acquis. Dan partikolarment jikkonċerna l-ipproċessar awtomatiku tad-*data* personali, l-ipproċessar tad-*data* personali għall-iskopijiet ta' difiża, sigurtà nazzjonali u ordni pubbliku, il-mekkaniżmi għall-adozzjoni tal-kodiċi ta' mġiba, ix-xogħlijiet tal-kolletturi tad-data, il-limiti taż-żmien għall-pre żentazzjoni ta' ilment u d-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw in-notifika ta' operazzjonijiet li jipproċessaw. Il-kapaċità amministrattiva tal-Kummissjoni dwar il-Protezzjoni tad-*Data* għadha dgħajfa, fatt parzjalment ikkawżat minn qtugħ sinifikanti fil-baġit tagħha ta' l-2006. Il-Kummissjoni m'għandhiex biżżejjed impjegati.

Il-ġestjoni ta' l-ilmenti jibqa' mhux effettiv. L-indipendenza baġitarja tal-Kummissjoni għadha mhix garantita kompletament. It-tħaddim tar-reġistrazzjoni u l-iskema tan-notifika għadu mhux sodisfaċenti kif mhux sodisfaċenti r-rekord ta' l-infurzar b'mod ġenerali. Il-kooperazzjoni ma' l-Ombudsman u l-aġenziji l-oħra għadha mhix suffiċjenti. Fil-mument, il-Bulgarija għadha mhix kompletament f'pożizzjoni biex tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa ta' l-*acquis* fil-qasam tal-protezzjoni tad-*data* pesonali (ara wkoll kapitolu 3). Għalhekk, jeħtieg li jiżdiedu l-

preparazzjonijiet b'mod konsiderevoli f'dan il-qasam.

Fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja fil-kwistjonijiet ċivili u kriminali, il-Bulgarija hi avvanzata sew fil-konformità legali ma' l-*acquis*. F'Jannar 2006 il-Parlament Bulgaru rratifika l-Konvenzjoni ta' l-Aja ta' l-1996 dwar il-ġurisdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent, l-infurzar u l-kooperazzjoni fir-rispett tar-responsabbiltà tal-ġenituri u l-miżuri għall-protezzjoni tat-tfal.

Madankollu, l-istipulazzjoni tat-termini u l-kondizzjonijiet għall-infurzar ta' din il-konvenzjoni mill-Ministeru tal-Ġustizzja bħala organu ċentrali skond din il-Konvenzjoni għadha pendenti. Jibqgħu d-domandi fir-rigward tal-kwalità ta' l-implimentazzjoni ta' l-acquis kif ukoll fir-rigward tal-funzjoni u l-effiċjenza ġenerali tas-sistema ġudizzjarja tal-Bulgarija. L-implimentazzjoni tal-kodiċi ta' proċedura penali l-ġdid se jkollu bżonn li jkun segwit mill-qrib minħabba l-importanza tiegħu għall-kwalità tal-kooperazzjoni ġudizzjarja internazzjonali tal-Bulgarija fi kwistjonijiet penali. Il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata bejn il-fruntieri g ħandha bżonn li titħaffef minħabba li din hi wieħed mill-oqsma importanti koperti mill-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali fl-UE. Il-korruzzjoni baqgħet sfida serja fis-sistema tal-ġustizzja u din tista' taffettwa l-implimentazzjoni bla xkiel u korretta ta' l-istrumenti fil-qasam tar-rikonoxximent reċiproku. Jeħtieg li jiżdiedu l-preparazzjonijiet f'dan il-qasam.

Konklużjoni

Sar progress sinifikanti fil-qasam tal-**politika dwar il-viża** u issa l-Bulgarija b'mod ġenerali qiegħda tissodisfa l-impenji u l-ħtiġijiet li jqumu min-negozjati ta' l-adeżjoni f'dan il-qasam.

Sar progress sinifikanti fil-qasam ta' **Schengen u l-fruntiera esterna futura ta' l-UE.** Madankollu, hemm bżonn ta; aktar passi sabiex jitlestew il-preparazzjonijiet għall-adeżjoni, partikularment biex tkun implimentata kompletament l-Istrateġija Integrata tal-Ġestjoni tal-Fruntiera u l-Pjan ta' Azzjoni ta' Schengen 2006-07. Sar xi progress fl-oqsma tal-**kenn politiku** u **l-ġlieda kontra droga** u **fil-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet ċivili u kriminali**. Hemm bżonn ta' attenzjoni speċifika fil-qasam tal-protezzjoni tad-*data* fejn il-progress kien kajman. F'dawn l-oqsma, il-preparazzjonijiet li baqa' għandhom ikunu intensifikati. Dawn l-oqsma kollha għad għandhom bżonn aktar sforzi u azzjoni ta' malajr sabiex jissolvew in-nuqqasijiet qabel l-adeżjoni.

Fl-oqsma tal-kooperazzjoni tal-pulizija u l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u l-ġlieda kontra l-frodi u l-korruzzjoni ftit progress limitat sar minkejja l-fatt li ntalbet azzjoni urġenti f'Ottubru ta' l-2005. Fil-qasam tal-**ħasil tal-flus**, is-sitwazjoni marret lura sostanzjalment. Il-Bulgarija għandha tieħu azzjoni immedjata u deċiżiva issa sabiex f'dawn it-tliet oqsma tkun lesta sad-data ta' l-adeżjoni.

4.1.18. Kapitolu 25: Unjoni Doganali

Dwar il-**kapaċità amministrattiva u operattiva**, il-ġbir tad-dħul u l-ġlieda kontra l-iffalsifikar u d-droga żviluppaw fid-direzzjoni t-tajba. Preparazzjonijiet fis-sistema ta' l-IT, l-aktar bil-ħsieb li tinkiseb l-interkonnettività mas-sistemi ta' l-UE, komplew b'pass mgħaġġel u, jekk ma jkunx hemm l-ebda dewmien, il-Bulgarija tidher li mixja sew biex tissodisfa l-obbligi tagħha ma' l-adeżjoni. Qed isir aġġornament kontinwu ta' l-infrastruttura tal-punti kruċjali li jaqsmu il-fruntiera.

L-Aġenzija Nazzjonali tad-Dwana (NCA) qiegħda attivament tippromwovi l-użu tal-proċeduri simplifikati partikolarment permezz tal-websajt tagħha u billi tikkollabora ma' l-operaturi tan-negozju. Qed isiru sforzi sostanzjali biex jissaħħu l-kontrolli ta' wara r-rilaxx.

Il-Liġi dwar id-Dazji tas-Sisa u t-Taxxa ta' l-Imħażen, adottata f'Novembru ta' l-2005, tipprovdi għat-trasferiment tar-responsabbiltà ta' l-amministrazzjoni tad-dazji tas-sisa mill-amministrazzjoni tat-taxxa għall-NCA minn Lulju ta' l-2006 *(ara Kapitolu 10 - Tassazzjoni)*. Il-maniġment ta' l-NCA qed jieħu l-miżuri organizzattivi neċessarji biex jitwettaq dan ix-xogħol.

L-għarfien ta' l-uffiċjali tad-dwana tar-regoli u l-proċeduri tad-dwana jibqa' tajjeb grazzi tal-politika effettiva dwar it-taħriġ introdott fl-NCA. Fir-rigward tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni, ittieħdu numru ta' miżuri dixxiplinarji skond il-linji tal-pjan ta' azzjoni ta' l-NCA. L-NCA g ħandha żżomm l-ġlieda kontra l-korruzzjoni bħala l-priorità tagħha.

Il-preparazzjonijiet sejrin tajjeb ħafna fir-rigward tal-kapaċità amministrattiva u operattiva fil-qasam tad-dwana. L-NCA għamlet progess sew lejn sistemi ta' inter-konnettività ta' l-IT. Il-Bulgarija għandha żżomm il-pass tal-progress tagħha fil-preparazzjoni tas-sistemi ta' inter-konnettività ta' l-IT ma' l-adeżjoni.

Konklużjoni

Sar progress sinifikanti fil-kapaċità amministrattiva u operattiva fil-qasam tad-dwana. B'mod ġenerali issa l-Bulgarija qiegħda tissodisfa l-impenji u l-ħtiġijiet li jqumu min-negozjati ta' l-adeżjoni. Qed ikomplu l-preparazzjonijiet u l-Bulgarija hi mistennija li tkun f'pożizzjoni li timplimenta l-*acquis* minn żmien l-adeżjoni jekk jinżamm il-pass preżenti ta' progress.

4.1.19. Kapitolu 28: Il-kontroll finanzjarju

Fir rigward tal-**kontroll ta' l-infiq ta' l-azzjoni strutturali**, bdew l-eżamijiet ta' osservanza g ħall-PHARE u ISPA.

Madankollu l-Bulgarija akkumulat dewmien sostanzjali fl-akkreditazzjoni tas-Sistema ta' Implimentazzjoni Deċentralizzata Estiża kemm għall-programm PHARE kif ukoll għall-programm ISPA. L-iskedi inklużi fil-pjanijiet ta' azzjoni relevanti għall-akkreditazzjoni ta' l-EDIS, li jaħseb għall-akkreditazzjoni finali sa tmiem Ġunju 2006, ma kienux osservati għall-passi immedjati, u hemm riskji serji li l-proċess mhux se jkun lest sa tmiem l-2006, bil-konsegwenzi sostanzjali jinvolvu t-telf ta' ammonti kbar ta' fondi ta' qabel l-adeżjoni. Dan jitfa' wkoll dubji fuq jekk il-kapaċità tal-Bulgarija hix xierqa għall-kontroll futur ta' l-infiq tal-Fondi Strutturali. Azzjoni urġenti hija meħtieġa issa f'dan il-qasam.

Dwar il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji ta' l-UE, kien adottat Pjan ta' Azzjoni u Strateġija dwar il-Ġlieda kontra l-Frodi li jaffettwa l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej u kien provdut taħriġ lill-organi relevanti. Ir-riżultat dwar il-komunikazzjoni ta' irregolaritajiet u frodi suspettuż żdied b'mod sinifikanti reċentement.

L-Istrateġija ta' kontra l-Frodi li hija l-qafas biex jipproteġi l-interessi finanzjarji ta' l-UE fil-Bulgarija, hi vaga wisq biex tkun effettiva. Inħoloq grupp ta' ħidma inter-istituzzjonali fit-12 t'April biex jipproponi abbożż ġdid ta' l-istrateġija kontra l-frodi li jaffettwa l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej. Il-proċeduri ta' ħidma u l-kapaċità operattiva tal-AFCOS

(Il-Kunsill li Jikkoordina l-Ġlieda kontra l-Ksur li jaffettwa l-Interessi Finanzjarji ta' l-Unjoni Ewropea) fil-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni inter-istituzzjonali bejn l-awtoritajiet involuti tibqa' mhix suffiċjenti. Twaqqfu żewġ Gruppi ta' Ħidma fl-14 ta' April b'deċiżjoni tal-Ministru ta' l-Intern. Se jkollhom l-inkarigu li jtejbu l-kooperazzjoni bejn l-organi li għandhom l-kompetenzi li jiċċekkjaw u jinvestigaw u r-rapport ta' l-irregolaritajiet li jaffettwaw.

Hemm bżonn li jitħaffu l-preparazzjonijiet f'dan is-settur.

Konklużjoni

Sar progress fir-rigward tal-**protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji ta' l-UE**. Madankollu, hemm bżonn ta' aktar sforzi biex jinżamm il-progress li sar. Hemm bżonn ta' azzjoni fir-rigward tat-tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva u t-titjib tal-koordinazzjoni tal-gruppi l-ġodda ta' ħidma.

Is-sitwazzjoni tal-**kontroll ta' l-infiq ta' l-azzjoni strutturali** marret lura. Dan il-qasam għadu jqajjem tħassib serju. Il-Bulgarija għandha tieħu azzjoni immedjata u deċiżiva issa u tħaffef b'mod sinifikanti l-akkreditazzjoni ta' l-EDIS sabiex tkun lesta sa l-adeżjoni.

4.2. Traduzzjoni ta' l-*acquis* għall-Bulgaru

Skond l-Artikoli 2 u 58 ta' l-Att ta' l-Adeżjoni, l-atti kollha adottati mill-istituzzjonjiet ta' l-Unjoni qabel l-adeżjoni japplikaw għall-Istati Membri l-ġodda u għandhom ikunu ppubblikati f'edizzjoni speċjali tal-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea, inkluż fil-linwi uffiċjali l-ġodda. Filwaqt li l-istituzzjonijiet ta' l-UE jieħdu responsabbiltà għar-reviżjoni finali u l-pubblikazzjoni tat-traduzzjonijiet, hija responsabbiltà ta' l-Istati li deħlin li jipproduċu t-traduzzjonijiet u li ji żguraw reviżjoni legali u lingwistika tajba. Fil-kuntest tat-traduzzjoni ta' l-*acquis*, il-Qorti tal-Ġustizzja iddefinixxa sett ta' sentenzi ewlenin li għandhom ikunu tradotti bħala priorità (b'total ta; 15,000 paġna).

Mill-kważi 90,000 paġna ta' l-*acquis*, il-Bulgarija diġà ttraduċiet iżjed minn 95%. Madankollu, madwar 44% ta' dawn għad iridu jiġu riveduti mill-awtoritajiet nazzjonali qabel jintbagħtu lill-istituzzjonijiet ta' l-UE. Il-kapaċità ta' traduzzjoni u reviżjoni fil-Bulgarija għadha ma laħqitx il-livell ta' pproċessar meħtieġ ta' xi 6,000 paġna fix-xahar, l-aktar minħabba diffikultajiet ta' reklutaġġ u biex jinżamm l-istaff. Il-gvern tal-Bulgarija hu mħeġġeġ li jagħti attenzjoni xierqa lil din il-kwistjoni, għax inkella l-*acquis* jista' ma jkunx ippubblikat fil-ħin ta' l-adeżjoni fl-1 ta' Jannar 2007.

4.3. Valutazzjoni ġenerali

Il-Bulgarija kisbet grad konsiderevoli ta' aġġornament ta' l-*acquis*.

Ir-rapport ta' Ottubru ta' l-2005 ikkonkluda li l-Bulgarija se tkun lesta sa l-adeżjoni f'numru kbir ta' oqsma. Numru ta' oqsma oħrajn għandhom bżonn sforzi akbar, u 16-il qasam qed jag ħti lok ta' tħassib.

Sa minn dak iż-żmien, sar aktar progress: Il-Bulgarija għandha tkun lesta sa l-adeżjoni fl-oqsma addizzjonali li ġejjin jekk il-pass preżenti ta' progress jinżamm: xiri pubbliku, rikonoxximent re ċiproku ta' l-ispeċifikazzjonijiet tal-prodott industrijali; Libertà tal-provvista tas-servizzi mhux finanzjarji; ħafna mill-Organizzazzjonijiet tas-Suq Komuni (CMOs) ta' l-agrikoltura; avjazzjoni; dazji tas-sisa; strutturi li jimplimentaw it-tassazzjoni; il-liberalizzazzjoni tas-servizzi postali; leġi

żlazzjoni dwar il-politika reġjonali; leġiżlazzjoni dwar il-kimiċi u organiżmi ġenetikament modifikati, il-ħsejjes; Il-politika dwar il-viża; u l-preparazzjonijiet tad-dwana.

Sar ukoll progress f'numru ta' oqsma li m'għandhomx jagħtu lok ta' tħassib iżda għad g ħandhom bżonn aktar sforzi biex jitlestew il-preparazzjonijet: is-settur ta' l-assigurazzjoni, il-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, l-aġenzija li tħallas għall-agrikoltura, l-organizzazzjoni tas-suq komuni tal-ħalib, miżuri ta' kontroll tal-mard ta' l-annimali, il-postijiet ta' spezzjoni veterinarja fuq il-fruntiera; il-kura ta' l-annimali, il-kummerċ ta' annimali ħajjin u prodotti ta' l-annimali, l-aspetti veterinarji tas-saħħa pubblika; strutturi ta' ġestjoni istituzzjonali u finanzjarja għall-politika reġjonali, kif ukoll il-preparazzjonijiet ta' Schengen u l-ġestjoni tal-fruntieri esterni futuri ta' l-UE.

Hemm bżonn ta' aktar sforzi għal: għarfien reċiproku tal-kwalifiki professjonali; servizzi finanzjarji, servizzi tas-soċjetà ta' l-informatika, il-protezzjoni tad-data personali; leġiżlazzjoni li tiġġieled il-ħasil tal-flus; mekkaniżmi ta' kummerċ agrikolu; l-Organizzazzjonijiet komuni tas-suq ta' l-inbid u l-alkoħol u l-laħam taċ-ċanga; leġiżlazzjoni fis-settur veterinarju u fitosanitarju; ħafna mill-aspetti tas-sajd; it-trasport bil-baħar; VAT, ir-regoli dwar tassazzjoni diretta; il-liġi dwar ix-xogħol, id-djalogu soċjali, l-inklużjoni soċjali, il-politika kontra d-diskriminazzjoni, il-Fond Soċjali Ewropew, is-saħħa pubblika; il-liberalizzazzjoni tas-suq ta' l-enerġija; enerġija nukleari u sigurtà nukleari, partikularment l-impenji għal għeluq bikri u d-dekummissjonar sussegwenti tar-reatturi ta' l-impjant ta' Kozloduy; ristrutturar ta' l-industrija ta' l-azzar; komunikazzjoni elettronika; l-ipprogrammar, il-kapaċità ta' monitoraġġ u xiri għall-politika re ġjonali; leġiżlazzjoni ambjentali orizzontali, il-kwalità ta' l-ilma, il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġiż, il-ġestjoni ta' l-iskart; il-protezzjoni tal-konsumatur; kenn politiku, il-kooperazzjoni ġudizzjarja; il-ġlieda kontra d-droga; il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji ta' l-UE; u t-traduzzjoni ta' l-*acquis* għall-Bulgaru.

Jibqa; sitt oqsma ta' tħassib serju li jinħtieġu ażżjoni urġenti:

– it-twaqqif ta' amministrazzjoni integrata xierqa u sistema ta' kontroll (IACS) fl-agrikoltura, (*acquis* kapitolu 7);

– il-bini ta' faċilitajiet ta' ġbir ta' rendiment u trattament f'konformità ma' l-acquis dwar it-TSE u l-prodotti sekondarji ta' l-annimali (acquis kapitolu 7);

– xhieda aktar ċara tar-riżultati ta' investigazzjoni u prosekuzzjoni ta' ċrieki ta' kriminalità organizzata (acquis kapitolu 24);

– l-implimentazzjoni aktar effettiva u effiċjenti tal-liġijiet fil-ġlieda kontra l-frodi u l-korruzzjoni (*acquis* kapitolu 24);

– infurzar intensiv tad-dispożizzjonijiet li jiġġieldu il-ħasil ta' flus (acquis kapitolu 24);

– it-tisħiħ tal-kontroll finanzjarju għall-użu futur tal-fondi strutturali u ta' koeżjoni (*acquis* kapitolu 28).